*klawsoli f'kuntratt ta' impjieg li jitqiesu* in restraint of trade *u li jmorru kontra l-ordni pubbliku –restrizzjonijiet imposti fuq impjegat wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu huma ġeneralment validi u inforzabbli biss mill-Qrati jekk il-prinċipal jipprova li għandu interess leġittimu li jeżiġi l-impożizzjoni tar-restrizzjoni, u li dik ir-restrizzjoni tkun raġonevoli, legali u fondata fil-liġi tal-impjieg*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2021

Appell Inferjuri Numru 100/2018/1 LM

**Antonio Camilleri (K.I. 238471M) f'ismu proprju**
**u in rappreżentanza ta' 'Antonio's Barber Shop'**
*("l-appellant")*

***vs.***

**Salvatore Sicurella**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Antonio Camilleri (K.I. 238471M) f'ismu proprju u in rappreżentanza ta' Antonio's Barber Shop**, hawnhekk "l-appellant" minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn

issa ’l quddiem “l-Ewwel Qorti”), tat-30 ta’ Ottubru, 2019 (minn issa ’l quddiem “is-sentenza appellata”), li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni inkwantu msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta, ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-intimat, filwaqt li laqgħet parzjalment l-ewwel eċċezzjoni inkwantu msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 985 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll it-tielet eċċezzjoni, u konsegwentement ċaħdet in toto t-talbiet attriċi, filwaqt li ordnat li kull parti fil-kawża għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

## Fatti

2. Permezz tar-rikors promutur tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallas tal-ammont ta’ tmint elef Euro (€8,000) rappreżentanti danni prelikwidati skont il-kuntratt ta’ impjieg iffirmat bejn il-partijiet fl-1 ta’ Ġunju, 2017, minħabba ksur tal-kundizzjonijiet tal-imsemmi kuntratt. Ir-rikorrent spjega li minkejja li l-intimat ġie debitament interpellat sabiex jersaq għall-ħlas diversi drabi, inkluż permezz ta’ ittra uffiċjali, dan baqa’ inadempjenti.

## Mertu

3. Ir-rikorrent, fir-rikors tiegħu qal li l-ammont pretiż minnu huwa ċert, likwidu u dovut, imma minkejja dan it-talba tiegħu ġiet ikkontestata mill-intimat. L-intimat fir-risposta tiegħu qal li in linea preliminari, l-impożizzjoni ta’ multi mhux preventivament awtorizzati mid-Direttur tal-Impjiegi hija

espressament projbita *ai termini* tal-Kap. 452, u għalhekk din it-talba ma tistax tirnexxi, anki *ai termini* tal-artikolu 985 tal-Kapitolu 16. Eċċepixxa wkoll li l-avviż promutur huwa null stante li ma fihx l-informazzjoni minima neċessarja sabiex il-intimat ikun jista' jiddefendi ruħu, u r-rikorrent jonqos milli jispeċifika liema klawsoli ġew miksura u b'liema aġir jew ċirkostanza seħħet il-vjolazzjoni. Preliminarjament ukoll, l-intimat eċċepixxa li l-kuntratt ta' impjieg fih klawsoli li ma jistgħux jiġu infurzati, għaliex jikkostitwixxu *restraint of trade* u għalhekk imorru kontra l-ordni pubbliku. L-intimat żied jgħid li kemm-il darba r-rikorrent qiegħed jippretendi xi forma ta' kumpens *ai termini* ta' wħud minn dawn il-klawsoli, din l-azzjoni hija insostenibbli, anki minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 985 tal-Kap. 16. Qal li huwa bl-ebda mod ma kiser il-kuntratt, iżda kien ir-rikorrent li kontinwament kiser l-obbligi tiegħu *ai termini* tal-kuntratt.

4. Quddiem l-Ewwel Qorti ġiet ippreżentata kopja tal-kuntratt ta' impjieg bejn min-naħa l-waħda Antonio's Barber Shop, kif rappreżentat minn Antonio Camilleri, u Salvatore Sicurella bħala impjegat fuq in-naħa l-oħra.

5. L-Ewwel Qorti semgħet ix-xhieda ta' **Brandon Magri**, in rappreżentanza tad-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ("id-DIER"), li qal li l-kuntratt ta' impjieg ma kienx intbagħat lid-DIER qabel ma ġie ffirmat, u għalhekk id-DIER ma kienx ta l-approvazzjoni tiegħu għal dan. Qal iżda li l-kuntratt ta' impjieg ġie ppreżentat lid-Dipartiment mill-intimat, u abbażi ta' dan il-kuntratt id-Dipartiment ħadem il-paga li kien għad fadallu jitħallas l-intimat. Qal ukoll li d-Dipartiment ma jidħolx fi kwistjonijiet ċivili, għajr li jinsisti li dak dovut taħt klawsoli penali m'għandux jitnaqqas mis-salarju. Ix-xhud qal li dan huwa każ ta' danni prelikwidati li d-Dipartiment ma jidħolx fih.

5. Ir-rikorrent **Antonio Camilleri** xehed li huwa jmexxi negozju bl-isem ta' 'Antonio's Barbershop', wara li tul is-snin għamel diversi investimenti sabiex ikun jista' jibni negozju u klijentela. Qal li huwa s-sid tan-negozju flimkien ma' martu, u filwaqt li martu tieħu ħsieb l-amministrazzjoni tan-negozju, huwa jqatta' l-ġranet tiegħu jaqta' x-xagħar fil-ħanut. Qal li sa minn meta fetaħ in-negozju tiegħu, l-enfasi kienet fuq is-servizz li jagħti lill-klijenti, u maż-żmien fetaħ ħanut ieħor u żied ukoll in-numru ta' impjegati li għandu miegħu. Qal li l-isem 'Antonio's Barbershop' beda jattira numru ta' żgħażagħ li xtaqu jidħlu jaħdmu miegħu, għaliex il-ħanut sar rinomat għal salarji aħjar u għal kundizzjonijiet ta' impjieg aħjar milli joffri ħaddieħor. Kompla jgħid li l-intimat kien wieħed minn dawn iż-żgħażagħ li sar jaf bil-ħanut, u li kkuntattja lir-rikorrent sabiex jara jistax jaħdem miegħu. Qal li huwa ta ċertu taħriġ lill-intimat, kif jagħmel ma' kull impjegat ieħor li jibda jaħdem miegħu, u fil-perijodu ta' taħriġ l-intimat mar tajjeb ħafna. Qal li f'dan iż-żmien li l-intimat kien tgħallem it-teknika li juża hu, beda jmur tajjeb mal-klijenti u kien dejjem puntwali fuq il-post tax-xogħol. Qal li għalhekk huwa ddeċieda li jimpjegah, u talbu jagħtih il-ġranet u s-sigħat li huwa xtaq jaħdem fihom, sabiex l-appuntamenti tal-intimat jittieħdu fil-ħin li dan ikun dispost li jaħdem. Spjega li l-unika ħaġa li huwa jixtieq mingħand l-impjegati tiegħu hija li dawn jagħtu servizz tajjeb u li jkunu fil-ħin, filwaqt li l-problemi l-oħra marbuta mat-tmexxija ta' negozju bħal dan jieħu ħsiebhom hu. Qal li huwa investa f'sistema elettronika li permezz tagħha l-klijenti jkunu jistgħu jagħmlu appuntament fil-ġranet u l-ħinijiet li jridu, jagħżlu l-barbier tagħhom u t-tip ta' servizz li jkunu jridu appuntament għalih. Kompla jgħid li jistgħu wkoll isiru appuntamenti bit-*telephone.* Ir-rikorrent qal li meta l-intimat beda jaħdem miegħu fil-ħanut ta'

Ħal Balzan, huwa kien josservah jaħdem u kien jarah li sejjer tajjeb, iżda wara ftit dan talab li jibda jaħdem fil-ħanut ta' Tas-Sliema għaliex dan kien aktar viċin id-dar tiegħu. Qal iżda li ftit wara li l-intimat beda jaħdem mill-ħanut f'Tas-Sliema, dan beda jasal tard għax-xogħol ripetutament, u saret ħaġa normali li minflok jistenna l-klijenti hu, kien iħalli l-klijenti jistennew lilu. Qal li huwa beda jinkwieta meta sar jaf li kien hemm klijenti li kienu qegħdin jitilqu mill-ħanut għaliex ikunu ilhom jistennew lill-intimat jasal għax-xogħol. Ir-rikorrent qal li minkejja li l-mara tiegħu kienet kellmet lill-intimat diversi drabi, u dan kien iwegħedha li mhux ser jasal tard aktar, il-ħaġa baqgħet issir b'mod kontinwu. Qal li huwa beda jinduna li l-intimat kien iqatta' ljieli barra jiddeverti, bil-konsegwenza li ma kienx ikun jiflaħ jasal ix-xogħol fil-ħin, u kull darba li l-intimat beda jara l-klijenti wara l-ħin miftiehem għaliex ma jkunx laħaq rahom filgħodu, dan beda jinsisti li għandu jitħallas aktar. Ir-rikorrent qal li għalhekk huwa xejn ma kien kuntent bl-atteġġjament tal-intimat, għaliex huwa min-naħa tiegħu kien ipprova jakkomodah f'kollox. Qal li l-mara tiegħu kienet qaltlu li l-attitudni tal-intimat marret għall-agħar partikolarment wara li huma għalqu l-ħanut oriġinali li kellhom Tas-Sliema u fetħu ieħor fil-kumpless Plaza. Qal li l-intimat kien iwaħħal fit-traffiku, minkejja li kien imur ix-xogħol bil-mutur, jew inkella kien jippretendi li l-klijenti joqogħdu jistennewh għaliex qabel jasal ix-xogħol huwa jkun irid jagħmel l-affarijiet tiegħu. Qal li aktar ma beda għaddej iż-żmien, aktar l-intimat beda juri nuqqas ta' responsabbilità u l-attitudni tiegħu aktar marret għall-agħar, u għalhekk il-mara tiegħu kellmet lill-intimat u infurmatu li ma kinux ser jingħatawlu aktar opportunitajiet biex itejjeb l-attitudni tiegħu. Qal li huwa ma xtaqx li jwaqqaf lill-intimat mill-impjieg kif ġieb u laħaq għaliex kien investa ħafna fih, imma l-intimat baqa' ma

biddilx l-attitudni tiegħu u għalhekk ħa d-deċiżjoni li jwaqqfu mill-impjieg anki għaliex dan kien qiegħed jagħmel ħafna ħsara lill-isem tal-ħanut fejn kien hemm numru ta’ persuni jaħdmu, u l-għajxien tagħhom kien jiddependi missuċċess tan-negozju tar-rikorrent. Qal li huwa kien iddispjaċih l-aktar meta induna li l-intimat beda jipprova jagħmel isem ħażin lill-ħanut sabiex jattira l-klijenti għalih, u wara li tkeċċa dan mar jaħdem bħala barbier mal-ħanut li r-rikorrent kellu oriġinarjament ġewwa Fort Fitness Tas-Sliema. Qal li huwa sar jaf li l-intimat saħansitra kien beda jikkuntattja lill-klijenti tar-rikorrent u jgħidilhom imorru hemm, u minn fuq is-sit *facebook* huwa sar jaf li l-intimat kien saħansitra qiegħed juża ritratti tal-ħanut tar-rikorrent u bdiet tingħata l-impressjoni li l-intimat kien għadu jaħdem ma’ ‘Antonio’s Barbershop’. Qal li kien għalhekk li wara li huwa kien kostrett jittermina l-impjieg tal-intimat, iddeċieda li jippreżenta kawża kontra tiegħu sabiex iżommu responsabbli għad-danni sofferti.

6. Mart ir-rikorrent, **Fleur Camilleri**, fl-*affidavit* tagħha qalet li minkejja li hija mhijiex impjegata fin-negozju tar-raġel tagħha, hija tieħu ħsieb ix-xogħol amministrattiv u l-impjegati tan-negozju. Qalet li l-intimat kien ikkuntattjahom u talabhom sabiex ikun jista’ jaħdem magħhom, u wara perijodu ta’ taħriġ huma aċċettaw li dan jibda jaħdem magħhom. Ix-xhud qalet li eventwalment huma waslu fi ftehim mal-intimat sabiex dan jibda jaħdem erbgħin siegħa fil-ġimgħa, għalkemm l-intimat ingħata l-libertà li jaħdem biss fil-ġranet u l-ħinijiet li jrid hu. Kompliet tgħid li min-naħa tagħha, hi kemm-il darba spjegat lill-ħaddiema li element kruċjali għas-suċċess tan-negozju huwa l-puntwalità tal-barbiera, għaliex uħud mill-klijenti jkunu jistgħu jmorru jinqdew biss waqt

il-ħin tal-*break* mix-xogħol, u għalhekk is-servizz irid jingħata fil-ħin miftiehem. Qalet li minkejja li l-intimat għamel xi żmien jaħdem fil-ħanut li r-rikorrenti għandhom Ħal Balzan, ftit wara dan talab li jmur jaħdem fil-ħanut ta' Tas-Sliema, ġewwa Fort Cambridge f'Tigné. Qalet li hija ma kinitx tkun f'dan il-ħanut, iżda kienet tinżamm aġġornata b'dak kollu li jiġri hemmhekk matul il-ġurnata. Ix-xhud qalet li minkejja li fl-ewwel ftit ġimgħat l-intimat beda jaħdem bil-mod kif kien imħarreġ mir-rikorrent, wara ftit bdew jinqalgħu l-problemi, partikolarment għaliex dan beda jasal tard għax-xogħol. Qalet li l-intimat beda jivvinta ħafna skużi sabiex jiġġustifika l-aġir tiegħu, u dan minkejja li ħafna drabi huwa kien jiġi mgħarraf li l-klijenti kienu diżappuntati li ma setgħux jinqdew fil-ħin. Ix-xhud qalet li l-attitudni tal-intimat bdiet tħalli impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tan-negozju, filwaqt li bdiet twassal għal stress fost il-barbiera l-oħra impjegati, għaliex dawn spiċċaw f'sitwazzjoni fejn kellhom isolvu huma l-problemi li beda joħloq l-intimat. Qalet li hija kellmet lill-intimat diversi drabi, imma l-intimat baqa' ma rranġax l-attitudni tiegħu. Żiedet tgħid li l-attitudni tal-intimat marret għall-agħar meta r-rikorrenti fetħu ħanut ġewwa l-kumpless Plaza minflok dak f'Fort Cambridge, u l-intimat baqa' jasal ix-xogħol tard, kif ukoll beda jirrifjuta li jpatti għall-appuntamenti li jkun tilef meta jasal tard wara l-ħin tax-xogħol. Qalet li din l-attitudni wasslet biex in-negozju tilef diversi klijenti li bdew jilmentaw magħhom li s-servizz tagħhom ma kienx għadu tajjeb. Ix-xhud qalet li kien hemm żmien meta hija saret taf li l-intimat beda jgħid lin-nies li xtaq jitlaq mill-impjieg, imma meta hija kellmitu dwar dan, l-intimat kien qalilha li ma kienx bi ħsiebu jitlaq. Qalet li dakinhar hija wissietu li jekk xtaq jibqa' fl-impjieg, kellu jirranġa l-attitudni tiegħu. Ix-xhud qalet li wara ftit żmien kien hemm klijent partikolari li xtaq appuntament b'urġenza, u

għamel premura magħha li xtaq li jinqeda mill-intimat. Imma l-intimat rrifjuta minkejja li faċilment seta' jakkomoda lil dan il-klijent, apparti li beda jġib ruħu b'mod arroganti magħha. Qalet li kien għalhekk li r-rikorrenti ħadu d-deċiżjoni li jitterminaw l-impjieg tal-intimat. Kompliet tgħid li apparti l-ittra ta' terminazzjoni, huma infurmaw lill-intimat li huwa kellu jirrispetta l-kundizzjonijiet tal-kuntratt li kellu, partikolarment il-klawsoli tal-kuntratt li jżommuh responsabbli f'każ li dan jisraq il-klijentela tagħhom, jikkompeti magħhom jew iħajjar xi impjegat minn tagħhom biex imur jaħdem miegħu. Ix-xhud qalet li ftit wara li telaq minn magħhom, l-intimat mar jaħdem fl-istess post fejn ir-rikorrenti qabel kellhom ħanut ġewwa Fort Fitness, u hija ħasset li l-intimat kien ilu jippjana biex jagħmel din il-mossa. Qalet li dan sar b'kompetizzjoni diretta mar-rikorrent, tant hu hekk li l-intimat beda joffri l-istess servizzi li kienu joffru huma, beda juża t-taħriġ li kienu tawh u anki beda juża l-istess teknika li kienu tawh huma. Qalet li l-effetti negattivi ta' dak li għamel l-intimat baqa' jinħass min-negozju tagħhom żmien wara.

7. Quddiem l-Ewwel Qorti ġew ippreżentati kopji ta' messaġġi telefoniċi li għaddew bejn Fleur Camilleri u l-intimat, kollha marbuta ma' istanzi meta l-intimat kien qed jasal tard għax-xogħol, kopja tal-ittra li permezz tagħha l-impjieg tal-intimat ġie tterminat, kopji ta' ritratti elevati mill-*facebook page* tal-intimat, u korrispondenza oħra ma' terzi.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

8. Permezz tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mogħtija fit-30 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti ddeċidiet billi ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat kwantu msejsa fuq

id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452, ċaħdet ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-intimat, laqgħet parzjalment l-ewwel eċċezzjoni kwantu msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 985 tal-Kap. 16, u laqgħet it-tielet eċċezzjoni, bil-konsegwenza li għalhekk ċaħdet it-talbiet attriċi kollha, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Din hija sentenza li qed tingħata limitatament għall-fini tad-determinazzjoni tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut fir-risposta tiegħu tat-28 ta' Mejju, 2018. (fn. 4 fol. 7)*

*L-attur istitwixxa din l-azzjoni b'talba għall-ħlas tas-somma ta' €8,000 rappreżentanti danni pre-likwidati dovuti skont kuntratt ta' impjieg iffirmat bejn il-partijiet fl-1 ta' Ġunju, 2017, liema danni huma allegatament dovuti minħabba ksur da parti tal-konvenut ta' diversi kundizzjonijiet pattwiti fl-istess kuntratt.*

*Mill-atti proċesswali s'issa jirriżulta illi l-attur jiġġestixxi negozju bl-isem 'Antonio's Barber Shop' li joffri servizzi ta' barbier u servizzi oħrajn relatati, u fl-1 ta' Ġunju, 2017 impjega lill-konvenut bħala barbier għal żmien definit ta' sentejn, bil-kundizzjonijiet pattwiti fil-kuntratt ta' servizz konkluż fl-istess ġurnata (fn. 5 Dok. A a fol. 40* et seq). *Fost kundizzjonijiet oħrajn maħsuba biex jirregolaw l-impjieg tal-konvenut, ġew imposti fuqu wkoll restrizzjonijiet applikabbli anki wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu liema restrizzjonijiet il-konvenut ġie marbut bihom versu ħlas ta' danni pre-likwidati f'każ ta' ksur.*

*Jidher illi l-konvenut ġie mwaqqaf fl-impjieg tiegħu minn mal-attur, u l-impjieg tiegħu ġie terminat fit-13 ta' Marzu, 2018 minħabba allegati nuqqasijiet fil-kondotta tiegħu liema nuqqasijiet, skont l-attur, jikkostitwixxu ksur tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu kif pattwiti fil-kuntratt tal-1 ta' Ġunju, 2017. L-attur isostni illi wara t-terminazzjoni tal-impjieg, il-konvenut aġixxa bi ksur ta' diversi kundizzjonijiet formanti parti mill-kuntratt tal-impjieg tiegħu liema kundizzjonijiet kellhom ikunu applikabbli għal żmien sitt xhur* post contractu.

*Fir-Risposta tiegħu (fn. 6 Risposta tat-28 ta' Mejju, 2018 a fol. 7) il-konvenut, filwaqt li ċaħad li kiser xi kundizzjonijiet pattwiti fil-kuntratt de quo u kkontesta t-talba fil-mertu, issolleva tliet eċċezzjonijiet li minħabba n-natura tagħhom jeħtieġ li jiġu determinati qabel ma jiġi mistħarreġ il-mertu tal-azzjoni.*

***<u>It-Tieni Eċċezzjoni</u>***

*Il-Qorti tqis li jkun opportun illi tiġi determinata qabel xejn it-tieni eċċezzjoni kwantu din hija intiża sabiex tattakka l-validità tar-Rikors promutur, għaliex f'każ li tiġi akkolta, twaqqaf l-azzjoni.*

*In-nullità eċċepita mill-intimat hija fondata fuq l-allegazzjoni illi l-avviż li jagħti bidu għall-proċeduri ma fihx it-tagħrif meħtieġ* de minimis *biex jista' jiddefendi ruħhu, għaliex ma hemmx indikati l-klawsoli li fihom tinsab fondata t-talba u b'liema aġir u f'liema ċirkostanzi seħħet l-allegata vjolazzjoni tal-konvenzjoni.*

*It-talba fir-Rikors promutur li ta lok għal din l-azzjoni hija testwalment, għall-ħlas lill-attur tas-somma:-*

"... ċerta, likwida u dovuta ta' tmint elef euro (€8,000) rappreżentanti danni pre-likwidati skont il-kuntratt ta' impjieg iffirmat bejn il-partijiet nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju, 2017, u dan stante li ksirt il-kondizzjonijiet imposti in virtù tal-kuntratt fuq imsemmi."

*Għandu jingħad minnufih illi huwa ovvju illi l-kawżali tat-talba tal-attur huwa l-ksur ta' xi kundizzjonijiet kontenuti fil-kuntratt ta' impjieg iffirmat fl-1 ta' Ġunju, 2017, b'liema ksur jikkontendi li jiskatta l-obbligu tal-intimat għall-ħlas ta' danni pre-likwidati. Il-fatt illi ma ġewx indikati speċifikament fl-att promotorju tal-azzjoni liema klawsoli jew kundizzjonijiet speċifiċi tal-kuntratt qegħdin jiġu invokati in sostenn ta' din it-talba huwa, fil-fehma tal-Qorti, immaterjali. Tqis minflok, illi r-referenza speċifika li saret **għall-kuntratt iffirmat fl-1 ta' Ġunju, 2017 u għad-danni pre-likwidati**, kellha tkun altru minn suffiċjenti biex il-konvenut jifhem mingħajr ebda ekwivoku li huwa kiser waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu li huma marbutin jew garantiti bi ħlas ta' danni pre-likwidati. Għal din ir-raġuni biss, il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni, oltre li tirrażenta l-fieragħ, hija infondata u sejra tiċħadha.*

*Iżda hemm kunsiderazzjoni oħra li minħabba fiha l-eċċezzjoni tan-nullità sollevata mill-konvenut għandha tiġi miċħuda. Kif tajjeb qal il-konvenut fit-tieni eċċezzjoni in diżamina, l-azzjoni odjerna ġiet istitwita b'avviż, liema avviż issir referenza għalih fl-Artikolu 171 tal-Kap. 12. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:-*

*"***171. (1)** Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, jitmexxa bil-mod ta' rikors li jkun skont l-għamla preskritta u jsir fl-għamla ta' avviż sempliċi ffirmat mir-Reġistratur, li jkun fih l-**isem u l-kunjom tal-attur u tal-intimat, it-talba tal-attur**, u l-jum u l-ħin meta l-intimat

għandu jidher, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu preskritti. *(enfasi tal-Qorti)*

*Minn dan huwa evidenti illi oltre għall-partikolaritajiet imsemmija espressament fl-Artikolu appena ċċitat, il-liġi ma tirrikjedi ebda partikolarità essenzjali oħra li għall-finijiet tal-artikolu 789(1) tal-Kap. 112, hija meħtieġa għall-validità tal-avviż li jibda l-proċeduri quddiem din il-Qorti. Il-Qorti tosserva illi effettivament, fil-każ odjern, l-avviż fih mhux biss it-talba tal-attur għall-ħlas tas-somma ta' €8,000, iżda wkoll il-kawżali tat-talba li ġiet definita pjuttost elokwentement mill-attur meta fisser illi s-somma mitluba tirrappreżenta danni pre-likwidati dovuti minħabba ksur ta' kundizzjonijiet imposti fil-kuntratt ta' impjieg konkluż bejn il-partijiet fl-1 ta' Ġunju, 2017. Konformament, u billi ma jidhirx li jonqos xi partikolarità oħra meħtieġa mill-artikolu 171 tal-Kap. 12, ma tistax tiġi ravviżata n-nullità prospettata mis-subinċiż (d) tal-artikolu 789 tal-Kap. 12.*

*Il-Qorti fehmet ukoll illi l-eċċezzjoni in diżamina mhijiex fondata fuq allegata vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi għall-istituzzjoni tal-azzjoni odjerna u fi kwalsiasi każ, għall-fini tas-subinċiż (ċ) tal-artikolu 789 tal-Kap. 12, ftit jista' jkun hemm dubju illi l-għamla tal-att promutur hija dik preskritta mil-liġi. Billi n-nullità eċċepita evidentement ma tinkwadra f'ebda waħda mid-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-imsemmi artikolu 789, din l-eċċezzjoni għandha tfalli.*

*Ikkunsidrat;*

*Bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut jikkontendi illi safejn it-talba attriċi fir-Rikors promutur hija għall-ħlas ta' multa imposta f'kuntratt ta' servizz, din ma tistax tirnexxi għaliex l-impożizzjoni ta' multi f'kuntratt ta' impjieg, liema multi ma jkunux ġew preventivament awtorizzati mid-Direttur tal-Impjieg, hija espressament projbita mid-dispożizzjonijet tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Permezz tat-tielet eċċezzjoni, imbagħad, il-konvenut jeċċepixxi illi l-klawsoli fil-kuntratt li jipprospettaw il-ħlas ta' kumpens, mhumiex enforzabbli għaliex jikkostitwixxu* restraint of trade *u kwindi jmorru kontra l-ordni pubbliku.*

*Min-naħa tiegħu l-attur jinsisti fuq il-legalità tal-klawsoli tal-kuntratt de quo li fuqhom tinsab ippernjata t-talba tiegħu għall-ħlas, u jsostni illi peress li fil-fehma tiegħu kien hemm ksur da parti tal-konvenut tal-obbligazzjonijiet imposti fuqu f'dawk il-klawsoli, għandu jiskatta favur tiegħu l-obbligu għall-ħlas tad-danni pre-likwidati stabbiliti fl-istess klawsoli.*

*Il-Qorti tqis illi sabiex jiġu fis-seħħ il-klawsoli invokati mill-atturi, irid jirriżulta qabel xejn li dawn il-klawsoli huma effettivament validi u fondati fid-dritt, liema validità*

*madanakollu hija għal kollox kontestata mill-konvenut indipendentement minn kull kunsiderazzjoni oħra fattwali dwar il-mertu tal-każ.*

*Għaldaqstant huwa l-kompitu tal-Qorti li b'din is-sentenza parzjali tal-lum, tiddeċiedi dwar il-validità u legalità o meno tal-klawsoli li evidentement tinsab imsejsa fuqhom it-talba tal-attur għall-ħlas ta' danni pre-likwidati.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-kuntratt ta' servizz konkluż bejn l-attur u l-konvenut fih diversi klawsoli li jipprospettaw il-ħlas ta' danni pre-likwidati u li evidentement tinsab imsejsa fuqhom it-talba attriċi għall-ħlas ta' dawn id-danni. Il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jittratta l-klawsoli 7.5, 7.6, 7.7 u 9.5 liema klawsoli l-Qorti wkoll tidentifikahom bħala dawk li jistabbilixxu l-jedd tal-attur li jitlob il-ħlas ta' danni pre-likwidati mingħand il-konvenut. (fn. 7 Min-naħa l-oħra, l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jittratta biss il-klawsola numru 7.5 tal-kuntratt). B'dawn il-klawsoli, il-konvenut ġie projbit mis-segwenti għemil:*

7.5 "... Engage in any activity within the jurisdiction of Malta which may directly or indirectly compete with that of the Employer or to prejudice the latter's interests."
7.6 "... seek to procure orders from, or do business with, any person who had at any time throughout the operation of this Contract, done business with the Employer."
7.7 "... endeavour to entice away from the Employer any person who was, at any time throughout the operation of this Contract, employed or engaged by the Employer."

*Il-kuntratt ta' servizz de quo jistipula illi f'każ ta' ksur ta' xi waħda minn dawn ir-restrizzjonijiet fuq ċitati, jiskatta l-obbligu tal-impjegat ossia l-konvenut, għall-ħlas tas-somma ta' elfejn euro (€2,000) in linea ta' danni pre-likwidati u mhux soġġetti għal ebda tnaqqis, għal kull ksur ravviżat.*

*Il-klawsola 9.5 imbagħad, jivvjeta lill-intimat milli f'kull żmien, kemm waqt l-operat tal-kuntratt kif ukoll wara t-terminazzjoni tal-impjieg għal kwalsiasi raġuni, u kontra l-ħlas tal-istess ammont ta' danni pre-likwidati appena msemmija, jikxef:-*

"... any information and/or data, commercially sensitive or otherwise, as may pertain to the Employer and his activities and which may come to his knowledge in the courts of his employment. The Employee shall similarly not make use of any such information and/or data for his own personal advantage or that of third parties."

***L-Ewwel Eċċezzjoni***

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut jikkontendi illi l-klawsoli tal-kuntratt ta' servizz li jimponu obbligi fuq il-konvenut, huma kontra l-liġi u kwindi vjolattivi tal-artikolu 985 tal-Kap. 16 billi ma sarux in konformità mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 19 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijet Industrijali (Kap. 452).*

*L-artikolu 19(1) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola illi:-*

"Sakemm ma jkunx preskritt xort'oħra fi ftehim kollettiv, meta:-

(a) Il-pattijiet ta' kuntratt bil-miktub iffirmat mill-impjegat jew il-pattijiet ta' dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata mill-prinċipal skont l-artikolu 7 jispeċifikaw bir-reqqa l-multa jew multi li l-impjegat jista' jeħel dwar kull għemil jew ommissjoni, u
(b) Il-pattijiet ta' kuntratt bħal dak jew il-pattijiet ta' kull dikjarazzjoni bħal dik ikunu ġew approvati minn qabel mid-Direttur,

il-prinċipal ikun jista' jagħmel dak it-tnaqqis illi jkun awtorizzat b'dak il-kuntratt jew b'dik id-dikjarazzjoni."

*Din il-kwistjoni diġà ġiet trattata u deċiża fis-sentenza* in rescindente *fl-ismijiet **Mark Bugeja et vs Geoffrey Camilleri** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inf.) fit-28 June, 2013 (fn. 8 rikors 345/2008) fejn ġie deċiż illi l-artikolu 19 tal-Kap. 452 japplika għal dawk il-klawsoli f'kuntratt li jipprospettaw għemil jew ommissjonijiet tal-impjegat u l-multi imposti relattivament għal dak l-għemil jew ommissjonijiet. Il-korollarju ta' dik id-deċiżjoni hija illi fejn il-vertenza tirrigwarda **ħlas ta' ammont miftiehem minn qabel mill-partijiet f'każ illi, wara terminazzjoni tal-impjieg, l-impjegat jaġixxi bi ksur tal-patt konvenzjonali, dak l-ammont għandu jitqies li jirrappreżenta danni pre-likwidati u mhux il-multa li hemm referenza għaliha fl-artikolu 19 tal-Kap. 452.** Konformement, jekk jiġi deċiż illi d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 19 ma humiex applikabbli, il-konvenzjoni bejn il-partijiet ma tkunx teħtieġ l-approvazzjoni preventiv jew il-kunsens tad-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.*

*Dan l-insenjament ġie applikat ukoll f'sentenza oħra mogħtija sussegwentement minn dik l-istess Qorti diversament preseduta (fn. 9 **Mark Bugeja et vs Mellyora Grech,** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inf.) 27 ta' Mejju, 2015) fejn ġie ribadit illi ġialadarba l-fatti tal-każ kienu jittrattaw ħlas ta' ammont miftiehem minn qabel mill-partijiet f'każ li l-impjegat jaġixxi bi ksur ta' xi kundizzjoni fi żmien stipulat wara t-terminazzjoni tal-impjieg, dawn għandhom jiġu kkunsidrati li jikkostitwixxu danni*

*pre-likwidati, u għalhekk ma għandhomx jiġu ekwiparati mal-multi msemmija mill-artikolu 19 tal-Kap. 452.*

*Iżda hemm kunsiderazzjoni oħra li fil-fehma tal-Qorti teskludi l-applikabilità tal-artikolu 19 tal-Kap. 452 għall-klawsoli konvenzjonali f'kuntratt ta' impieg. Din il-Qorti tqis illi anke kieku għal mument, id-danni pre-likwidati miftehmin minn qabel bejn il-prinċipal u l-impjegat li jkunu dovuti f'każ ta' aġir bi ksur tal-patt konvenzjonali wara t-terminazzjoni tal-impieg, kellhom jitqiesu bħala multa, din il-multa qatt ma tista' tiġi ekwiparata max-xorta tal-multa kontemplata mill-artikolu 19. Fil-fehma tal-Qorti huwa evidenti li l-artikolu 19 jirreferi għal xi għemil jew ommissjoni tal-impjegat li javvera ruħhu* ***waqt l-impjieg*** *tant illi l-iskop tal-artikolu 19 huwa illi l-prinċipal ikun awtorizzat, testwalment,* ***inaqqas dik il-multa jew multi mis-salarju tal-impjegat.*** *Dan jinftiehem kjarament mid-diċitura tal-artikolu 19 (1) (a) li jitkellem dwar, "*il-multa jew multi li <u>l-impjegat jista' jeħel</u> dwar kull għemil jew ommissjoni" *u* "il-prinċipal ikun jista' <u>jagħmel dak it-tnaqqis</u>." (enfasi tal-Qorti)

*Wara kollox, kif sewwa osserva l-attur fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, Brandon Magri in rappreżentanza tad-Direttur Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, ikkonferma l-pożizzjoni appena affermata meta qal illi d-Dipartiment ma jidħolx f'każijiet ta'* pre-liquidated damages *bħalma huwa l-każ odjern.*

*Għaldaqstant, għalkemm l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut kwantu msejsa fuq l-artikolu 19(1) tal-Kap. 452 jirriżulta li mhijiex tajba, il-Qorti tqis li għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet ulterjuri dwar l-istess eċċezzjoni kwantu tinsab ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 985 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Ikkunsidrat;*

*l-artikolu 985 tal-Kap. 16 jipprovdi hekk:-*

***985.*** Il-ħwejjeġ impossibbli, jew ipprojbiti mil-liġi, jew kuntrarji għall-għemil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt.

*Jibda biex jingħad illi din il-Qorti taqbel mal-konvenut fejn fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu sostna illi l-mira tal-Kap. 452 hija li tipproteġi d-drittijiet tal-impjegat li, inevitabbilment, jinsab f'pożizzjoni aktar dgħajfa mill-prinċipal. Iżda tqis ukoll illi l-protezzjoni tal-impjegat kontra aġir abbużiv tal-prinċipal, filwaqt li għandha tingħata l-massima importanza, u filwaqt illi l-intervent preventiv tad-Direttur tal-Impjieg kif prospettat fl-artikolu 19 tal-Att huwa meħtieġ proprju sabiex iwarrab il-potenzjal tal-abbuż, din il-protezzjoni ma tistax titqies li għandha testendi*

*bl-istess qawwa oltre l-perijodu tal-impjieg u wara t-terminazzjoni tal-impjieg. Kif inhuwa risaput, il-prinċipal innifsu wkoll għandu l-jedd għal protezzjoni kontra għemil tal-impjegat li jilledi l-interessi leġittimi tan-negozju tiegħu.*

*Dawk il-limitazzjonijiet għall-għemil u aġir tal-impjegat wara t-terminazzjoni tal-impjieg, li huma maħsuba għall-protezzjoni tal-interessi leġittimi tan-negozju tal-prinċipal, huma ġeneralment magħrufa bħala* restraints of trade. *Ta' sikwit f'kuntratti ta' servizz jiġu imposti* restraint of trade clauses, *u għalkemm dawn il-klawsoli ġeneralment insibuhom fil-kuntratti ta' servizz ta' persuni impjegati f'karigi professjonali u f'kuntratti ta' bejgħ ta' negozji, xejn ma jżomm li tiġi imposta* restraint of trade clause *f'kuntratt ta' impjieg regolari. Infatti, l-applikabilità f'kuntratti ta' impjieg ta' klawsoli maħsuba bħala* restraint of trade *mhijiex eskluża espressament mill-Kap. 452.*

*Huwa minnu li klawsoli dwar* trade restraints *huma tollerati ferm iktar fil-parametri ta' kuntratti ta' bejgħ ta' negozju pjuttost milli f'kuntratti ta' servizz, għaliex il-qrati jqisu illi x-xerrej ta' avvjament jixraq li jingħata protezzjoni ta' dak l-avvjament* multo magis *meta jkun impjegat li jbiegħ sehem sostanzjali min-negozju in kwistjoni (fn. 10 Fid-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Southern Cross Computer Systems Pty Ltd vs Palmer (No 2)****, il-Qorti Suprema tal-Istat ta' Victoria fl-Awstralja ikkonfermat il-validità ta' klawsola li vvjetat lil speċjalista fl-IT milli jagħti servizz lil kompetitur fin-negozju tal-prinċipal tiegħu għal perijodu ta' erba' snin, liema kundizzjoni għalkemm ma kinitx imposta f'kuntratt ta' servizz, kienet fost il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' bejgħ tal-ishma li kellu l-impjegat fil-kumpannija li tiġġestixxi n-negozju tal-prinċipal tiegħu. Il-Qorti kienet irriteniet illi r-restrizzjoni kienet meħtieġa biex toffri protezzjoni raġonevoli lill-avvjament fil-kumpannija akkwistata mill-kompratur, liema avvjament huwa provenjenti mill-kapital azzjonarju hekk akkwistat).*

*Insibu diversi xejriet ta'* restraint of trade clauses *li huma ġeneralment aċċettati bħala interessi leġittimi li l-prinċipal huwa intitolat li jipproteġi kontra l-aġir tal-impjegati tiegħu: prinċipalment fosthom huma* non-compete clauses *li jivvjetaw lill-impjegati milli, għal żmien speċifikat, jimpjega ruħhu ma' klijenti tal-prinċipal f'kompetizzjoni ma' dak tal-prinċipal;* non-solicitation clauses *li jivvjetaw lill-impjegat milli jissolleċita klijenti eżistenti tal-prinċipal għal ċertu żmien; kif ukoll* non-disclosure *ta' tagħrif kunfidenzjali u divulgar ta'* trade secrets.

*Iżda minkejja li l-interessi fuq imsemmija jitqiesu b'mod ġenerali bħala raġunijiet validi għat-tfittxija, mill-prinċipal, ta' protezzjoni kontra l-impjegati tiegħu, skont il-ġurisprudenza in materja dawn ir-restrizzjonijiet imposti fuq impjegat wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu huma ġeneralment validi u enforzabbli mill-qrati*

*biss jekk il-prinċipal jipprova li għandu interess leġittimu li jesiġi l-impożizzjoni tar-restrizzjoni, kif ukoll li dik ir-restrizzjoni hija raġonevoli, legali u fondata fil-liġi tal-impjieg, meħud qies taċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari. F'każ li r-restrizzjoni tmur oltre dak li huwa raġonevolment meħtieġ biex jipproteġi interess leġittimu tan-negozju tal-prinċipal, il-klawsola relattiva fil-kuntratt ma tkunx eżegwibbli.*

*Il-Qorti tal-Kummerċ, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Joseph Xerri nomine vs Brian Clarke*** *(fn. 11 Deċiża 31 ta' Lulju, 1969) qalet hekk:-*

*"...* there is no specific provision of codified law in Malta about clauses in restraint of trade as such, and jurisprudence or judicial precedent is not apparently abundant, but it may safely be asserted that if clauses in restraint of trade may be impugned at all – and they certainly can in deserving cases – the heading under which an exercise of this sort may be attempted is Section 1028 (illum Artikolu 985) of the Civil Code which provides that things which are impossible, or prohibited by law, or contrary to morality, or to public policy, may not be the subject matter of a contract."

*Minn dan isegwi illi klawsoli intiżi biex jirrestrinġu l-għemil tal-impjegat għall-protezzjoni tal-interessi leġittimi tan-negozju tal-prinċipal, mhumiex projbiti mil-liġi, ċioe mill-artikolu 19(1) tal-Kap. 452 u lanqas ma huma neċessarjament milqutin mill-artikolu 985, sakemm naturalment ma jkunux irraġonevoli jew kuntrarju għall-ordni pubbliku. Ġie kostantement ritenut in materja illi l-kwistjoni dwar jekk xi klawsola f'kuntratt ta' impjieg għandhiex titqies li hija in* restraint of trade, *hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, liema kwistjoni tista' għalhekk titqajjem mill-Qorti anke* ex officio*, ovvjament bid-debita kawtela li l-partijiet ikollhom id-dritt iressqu l-provi u jagħmlu sottomissjonijiet dwarha (fn. 12 ara* ***Mark Bugeja et noe vs Geoffrey Camilleri****, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Frar, 2014).*

*Għaldaqstant, it-teżi tal-konvenut, safejn jikkontendi illi dawk il-klawsoli fil-kuntratt tal-impjieg li jikkostitwixxu* restraint of trade *huma bi ksur tal-artikolu 985 tal-Kap. 16 għaliex imorru kontra l-ordni pubbliku u kwidni mhumiex infurzabbli, mhuwiex neċessarjament korrett, għaliex jekk jintwera illi* restraint of trade *impost f'kuntratt ta' impjieg huwa ġustifikabbli u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, dan għandu jitqies bħala kundizzjoni valida u enforzabbli tal-patt konvenzjonali.*

*Il-kwistjoni dwar jekk ir-*restraints of trade *impunjati humiex kuntrarji għall-ordni pubbliku hija waħda li għandha tiġi mistħarrġa taħt il-kappa tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenut kwantu din hija ineżorabbilment marbuta mal-artikolu 985 tal-Kap. 16 invokata mill-konvenut fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu.*

***<u>It-Tielet Eċċezzjoni</u>***

*Permezz tat-tielet eċċezzjoni, il-konvenut jeċċepixxi illi l-klawsoli relattivi mhumiex enforzabbli għaliex saru in* restraint of trade *u kwindi jmorru kontra l-ordni pubbliku.*

*Ovvjament, il-qrati ma jagħtux effett lil konvenzjonijiet li jmorru kontra l-ordni pubbliku, u dan b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijet tal-artikolu 985 tal-Kap. 16. Kif diġà ngħad, huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna liema ġurisprudenza hija, wara kollox, imsejsa fuq it-tagħlim tal-qrati u awturi Ingliżi, illi l-linja gwida ta' kull kundizzjoni li timponi restrizzjoni lavorattiva, hija r-raġonevolezza tal-kundizzjoni f'sens ampju, kif ukoll l-iskop tar-restrizzjoni (fn. 13* ***Attilio Vassallo Cesareo nomine vs Anthony Cilia Pisani****, App. Ċiv. Deċiż fit-3 ta' Marzu, 2006).*

*Fid-determinazzjoni tal-ħtieġa li r-restrizzjoni tkun raġonevoli, il-Qorti trid tqis serje ta' fatturi, fosthom il-ħtiġijiet leġittimi u essenzjali tan-negozju tal-prinċipal, in-natura tan-negozju, il-kariga u salarju tal-impjegat u l-perijodu effettiv tas-servizz, kif ukoll il-fatturi ta' żmien, skop u lok tar-restrizzjoni. Il-korollarju ta' dan huwa li iktar ma tkun wiesgħa r-restrizzjoni iktar jiżdied l-oneru fuq il-prinċipal li juri kif dik ir-restrizzjoni għandha titqies li hija waħda raġonevoli.*

*Għaldaqstant, il-Qorti sejra tistħarreġ separatament kull klawsola fil-kuntratt de quo li tipprospetta l-ħlas ta' danni pre-likwidati f'każ ta' ksur ta' obbligu impost fuq il-konvenut in linea ta'* restraint of trade, *sabiex tiddetermina jekk ir-restrizzjoni hijiex enforzabbbli u dan billi qabel xejn, tiddetermina jekk il-kundizzjoni hijiex waħda ġusta u raġonevoli li l-impjegat aċċetta, konxju tar-riskju li daħal għalih meta aċċetta li din ir-restrizzjoni tiġi imposta fuqu f'każ tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu (fn. 14* ***Mark Bugeja et noe vs Mellyora Grech,*** *App.Ċiv. deċiż 27 ta' Mejju, 2015).*

***Klawsola 7.5***

*Fil-każ tal-lum, permezz tal-klawsola 7.5, il-konvenut jinsab prekluż kemm waqt l-impjieg tiegħu mal-attur, kif ukoll għal perijodu ta' sitt xhur mit-terminazzjoni ta' dak l-impjieg għal kwalsiasi raġuni, milli jwettaq kull:-*

7.5 "... activity within the jurisdiction of Malta which may directly or indirectly compete with that of the Employer or to prejudice the latter's interests."

*Il-konvenut, in sostenn tat-tielet eċċezzjoni tiegħu, jiċċita sostanzjalment mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (fn. 15 App. Inf. Deċiż 3 ta' Marzu, 2006)* ***Attilio Vassallo Cesareo vs Anthony Cilia*** *fejn il-klawsola impunjata f'dak il-każ kienet timponi restrizzjoni fil-kuntratt tal-impjieg, għal żmien ħames snin mit-terminazzjoni*

*tas-servizz, fuq (i) l-ingaġġ futur tal-impjegat, li kien manager,* ***fl-istess linja ta' negozju*** *li fiha tkun dak iż-żmien topera l-kumpannija li kien impjegat magħha, u (ii) l-iżvelar ta' kwalunkwe tagħrif kunfidenzjali fdat lilu minħabba l-impjieg tiegħu.*

*Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza appena msemmija, iddeċidiet illi l-patt konvenzjonali li jillimita l-attività tal-impjegat* post contractu *irid ikun fl-interess taż-żewġ partijiet u mhux ta' wieħed minnhom biss u kwindi jrid jirriżulta mill-konvenzjoni il-*quid pro quo, *anke jekk bil-proviżjoni ta' korrispettiv ta' kumpens kommensurat mal-limitazzjoni tal-libertà lavorattiva tal-impjegat. F'dak il-każ, il-Qorti ma kinitx konvinta illi l-klawsola impunjata ssodisfat it-test tar-raġonevolezza, u qieset għalhekk li ma kinitx valida u enforzabbli.*

*Fid-deċiżjoni fil-każ* ***Kores Manufacturing Co. Ltd. vs Kolok Manufacturing Ltd.*** *(fn. 16 C.A. 1959), Jenkins LJ kien irritjena illi:-*

"... an employer has no legitimate interest in preventing an employee, after leaving his service, from entering the service of a competitor merely on the ground that the new employer is a competitor. The danger of the adequacy and stability of his complement of employees being impaired through employees leaving his service and entering that of a rival is not a danger against which he is entitled to protect himself by exacting from his employees covenants that they will not, after leaving his service, enter the service of any competing concern ... (save possibly in very exceptional cases involving trade secrets, confidential information and the like) all such covenants would on the face of them be bad as involving a restraint of trade which was unreasonable as between the parties."

*Ikkunsidrat;*

*Fil-każ tal-lum, il-Qorti tqis li l-kondizzjoni imposta fil-klawsola 7.5 li tivvjeta* ***bla restrizzjoni ta' xejn kwalsiasi attività f'Malta li titqies li tikkompeti, sew direttament u anke indirettament man-negozju tal-attur, jew li tista' altrimenti titqies li tippreġudikah****, tant hija wiesgħa u ġenerika illi l-implimentazzjoni tagħha twassal biex tirrestrinġi kważi kompletament il-kapaċità lavorattiva tal-konvenut. Huwa manifest illi dan id-divjet impost fuq il-konvenut mhuwiex limitat per eżempju, għal restrizzjoni milli jaħdem ma' kompetituri jew klijenti attivi jew reċenti tal-prinċipal għal żmien definit – liema restrizzjonijiet kif rajna jistgħu jitqiesu bħala raġonevoli u validi skont iċ-ċirkostanzi – iżda hija restrizzjoni* ***bla limitu ta' skop*** *li prattikament tipprojbixxi lill-intimat anke* ***milli jaħdem, sia għal rasu u sia bħala impjegat, f'negozji li mhumiex f'kompetizzjoni diretta mal-attur.***

*Għall-Qorti dan ifisser illi l-konvenut la jista' jaħdem bħala barbier u kuntrarjament għal dak li ssottometta l-attur fin-nota ta' sottomissjonijet tiegħu, lanqas bħala* hairdresser*/parrukkier jew f'xi mestier ieħor li għandu li b'xi mod jaqsam mal-qasam tax-xagħar, fosthom servizzi ta'* grooming *jew il-bejgħ ta' prodotti tal-irġiel. Fi kwalsiasi każ, il-kriterju ta' dak li għandu jitqies bħala negozju li jippreġudika l-interessi tal-prinċipal jew li huwa f'kompetizzjoni indiretta, mhuwiex definit b'ebda mod bil-konsegwenza li kif inhija mfassla din ir-restrizzjoni, il-prinċipal jista' liberament jestendi l-applikazzjoni tagħha fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu. Dan huwa inaċċettabbli.*

*Huwa minnu illi f'dan il-każ, ir-restrizzjoni hija limitata għal żmien sitt xhur mit-terminazzjoni tal-impjieg iżda fiċ-ċirkostanzi, ġialadarba ġiet imfassla f'termini tant wesgħin li ma ħallew kważi ebda ftuħ ta' impjieg ieħor lill-konvenut fil-perijodu ta' restrizzjoni, din evidentement toħnoq il-jedd għal xogħol spettanti lill-konvenut kif protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta (fn. 17 ara artikolu 7 tal-Kostituzzjoni ta' Malta). Fil-fehma tal-Qorti l-ebda limitu ta' żmien għal restrizzjoni bħal din – li telimina għal kollox il-libertà tal-konvenut li jimpjega ruħhu ma' min irid jew li jaħdem għal rasu – ma jista' qatt jiġġustifika r-restrizzjoni.*

*Inoltre, huwa evidenti illi din ir-restrizzjoni serjament tirrestrinġi l-kapaċità lavorattiva tal-konvenut fil-kamp li fih huwa kwalifikat. Huwa minnu illi l-konvenut mhuwiex ċittadin Malti, iżda ma hemm xejn fil-provi akkwiżiti s'issa fl-att li juri li l-konvenut mhuwiex residenti b'mod permanenti jew indefinittiv hawn Malta. Fi kwalsiasi każ, il-Qorti lanqas tqis li huwa ġust illi persuna barranija li tipprattika l-mestier tagħha ġewwa Malta u stabbiliet ruħha hawnhekk, għandha tiġi kostretta tħalli l-pajjiż u tmur lura f'pajjiżha biex ma tkunx milquta minn divjet li fih innifsu huwa leżiv tal-prinċipji bażilari tal-jedd għal-libertà lavorattiva tal-individwu. Fil-każ odjern, jirriżulta mill-provi illi l-konvenut ġie mħarreġ speċifikament mill-attur fil-mestier ta' barbier.*

*Magħdud dan kollu hemm ukoll il-konsiderazzjoni illi, kif rajna, dawk il-klawsoli f'kuntratt ta' impjieg li jiġu stipolati għall-benefiċċju ta' parti waħda biss fil-konvenzjoni, mingħajr l-element tal-*quid pro quo *u mingħajr ma jintwera illi l-limitazzjoni ma ġietx ristretta biss għal dak li huwa essenzjali għall-protezzjoni tal-interessi leġittimi tal-attur, għandhom jitqiesu b'mod ġenerali bħala irraġonevoli u kwindi mhux enforzabbli.*

*Hawnhekk hija rilevanti wkoll l-osservazzjoni illi, fl-isfond tal-fatt illi l-konvenut kien impjegat bħala barbier għal żmien sentejn, u s-salarju tiegħu kien wieħed minimu fis-somma gross ta' €728.04 fix-xahar, huwa diffiċli jekk mhux impossibbli li l-*

*quantum tad-danni pre-likwidati jitqies bħala wieħed raġonevoli, minkejja ż-żmien limitat tar-restrizzjoni. Dan qed jingħad għaliex il-Qorti hija tal-fehma illi t-termini tal-konvenzjoni jkunu enforzabbli biss sakemm id-danni stabbiliti huma raġonevoli.*

*Miżmumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq magħmula, il-Qorti ftit għandha diffikoltà illi tqis ir-restrizzjoni imposta fil-klawsola 7.5 tal-kuntratt ta' servizz de quo, mhux biss bħala irraġonevoli iżda wkoll bħala kuntrarja għall-ordni pubbliku u kwindi mhux enforzabbli.*

***Klawsola 7.6***

*Kwantu għall-kundizzjoni imposta fil-klawsola 7.6 tal-kuntratt ta' servizz konkluż bejn il-partijiet fil-każ tal-lum, il-intimat ġie ristrett milli:-*

*"*... seek to procure orders from, or do business with, any person who had at any time throughout the operation of this Contract, done business with the Employer."

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Bugeja et nomine vs Mellyora Grech** (fn. 18 Ibid.) fejn ir-restrizzjoni fil-kuntratt ta' servizz kienet tivvjeta lill-impjegata milli taċċetta impjieg ieħor ma' **klijenti tal-prinċipal tagħha** li fi żmien sentejn qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tagħha kienu ġia klijenti tal-prinċipal, ħlief wara sentejn mill-istess terminazzjoni tal-impieg, il-Qorti tal-Appell qieset li l-kondizzjoni relattiva ma kinetx in* restraint of trade *iżda kienet waħda raġonevoli għal żmien definit, liema kondizzjoni ġiet aċċettata mill-impjegata volontarjament. Il-Qorti f'dik is-sentenza qieset illi ġialadarba **l-projbizzjoni kienet limitata għal klijenti attivi jew li kienu riċentement klijenti attivi tal-prinċipal**, din kienet raġonevoli kwantu l-impjieg tal-impjegat ma' dawn il-klijenti seta' jagħti lok għal perikolu li l-impjegat jagħti informazzjoni lill-prinċipal il-ġdid tiegħu dwar id-ditta li magħha huwa kien preċedentement impjegat.*

*Klawsola simili kienet imbagħad tifforma l-mertu tal-kawża fl-ismijiet **FirstUnited Insurance Brokers Limited vs Karl Farrugia Wismayer** (fn. 19 Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Novembru, 2010), fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċitat estensivament mill-awtur Norman Selwyn fil-kummentarju tiegħu fuq il-liġi tal-impjieg taħt is-sistema ġuridika Ingliża. Fost il-brani rilevanti għal din il-klawsola mertu ta' dik il-kawża, li kienet timponi divjet kontra attivitajiet kummerċjali tal-impjegat ma' **klijenti eżistenti tal-prinċipal,** insibu s-segwenti:-*

19.32 An employer is entitled to have a limited protection against an ex-employee dealing with **existing customers** for this is part of the goodwill which has been built up over the years. A covenant can restrict the right to solicit or endeavour to entice

away former customers, or to have post-employment dealing such customer, but it is likely that such clauses should be **limited to customers with whom the ex-employee had some dealings** for otherwise the restraint is likely to be regarded as to be designed to prevent competition (**Marley Tile Co Ltd vs Johnson –** 1982 IRLR 75, CA) ...

...

19.33 ... A restrictive covenant that prevents an employee from soliciting or accepting business from his former employer's customers will be unenforceable if it extends to customers with whom the employee personally had no dealings **(WRN Ltd vs Ayris** – 2008 – EWHC 1080 (QB) – 2008 IRLR 889 – 2008 152(23) SJLB 29). (fn. 20 enfasi ta' din il-Qorti)

*Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċi tal-każ tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma illi kif imfassla, il-klawsola 7.6 ukoll hija vaga u ġenerika wisq biex titqies li ma xxekkilx il-prinċipju ta' kompetizzjoni ġusta sanċit mis-sistema ġuridika tagħna. Billi x-xorta tan-negozju (fn. 21 il-konvenut huwa prekluż milli jagħmel negozju (*do business) *ma' persuni li għamlu negozju (*done business) *mal-attur) imsemmi fil-klawsola in kwistjoni, li qed jiġi kolpit mir-restrizzjoni in diżamina, mhijiex speċifikata jew limitata bl-ebda mod, u billi r-restrizzjoni mhijiex limitata għal **klijenti** tal-prinċipal, wisq anqas klijenti li magħhom il-konvenut ittratta personalment, il-Qorti tifhem illi l-intimat b'effett ta' din il-klawsola huwa **prekluż ukoll milli jkollu bħala klijenti kif ukoll milli jagħmel kull tip ta' negozju ma', dawk il-persuni kollha li kienu klijenti tal-attur jew li għamlu xi negozju ieħor mal-attur** f'kull żmien waqt il-perijodu ta' impjieg taħt il-kuntratt konkluż bejn il-partijiet.*

*Huwa evidenti mill-premess illi l-firxa ta' din ir-restrizzjoni hija wiesgħa biżżejjed biex din tkun ġustifikabbli bħala ħtieġa leġittima u essenzjali tan-negozju tal-prinċipal ossia l-attur, meħud qies tal-fatt illi n-negozju tal-attur huwa ta' barbier u l-mestier tal-konvenut huwa wkoll ta' barbier, kif ukoll tal-limitazzjonijiet ġeografiċi tat-territorju ta' Malta. Effettivament, il-Qorti ma tara assolutament xejn fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ li tista' tiġġustifika r-restrizzjoni li l-konvenut jarma negozju għal rasu u jagħmel kummerċ ma' xi persuna li f'xi żmien waqt id-dekorrenza tal-impjieg tiegħu mal-attur, kien għamel xi negozju mal-istess attur, fosthom klijenti jew persuni oħrajn li l-konvenut ma kellux relazzjonijiet diretti magħhom.*

*Il-Qorti tqis li huwa neċessarju għall-validità tar-restrizzjoni illi l-kostrinġiment impost fuq l-impjegat irid ikun relatat,* de minimis, *man-natura tal-impjieg, iżda fil-każ odjern, il-mankanza totali ta' definizzjoni tar-restrizzjoni kwantu għall-persuni li għandhom jitqiesu li għamlu negozju mal-attur kif ukoll kwantu għat-tip ta' negozju*

*kolpit mid-divjet, tirrendi r-restrizzjoni tal-għemil tal-konvenut irraġonevoli, anke jekk din ir-restrizzjoni ġiet limitata temporalment għal żmien sitt xhur biss.*

*Barra minn hekk, b'applikazzjoni tal-insenjament diġà qabel ikkunsidrat, il-Qorti ma tara xejn fl-impożizzjoni ta' din ir-restrizzjoni li ma jistax jiġi interpretat a favur tal-prinċipal iżda favur l-impjegat, partikolarment fl-isfond tal-quantum tad-danni pre-likwidati, li, kif rajna, huwa eżorbitanti meħud qies tas-salarju mħallas lill-intimat.*

*Għalhekk billi din il-klawsola tolqot il-persuni kollha, bla limitu, li fiż-żmien operattiv tal-kuntratt kienu għamlu xi tip ta' negozju ikun x'ikun mal-attur, sia bħala klijenti u sia bħala fornituri ta' prodotti, u fin-nuqqas ta' provi u ċirkostanzi li jikkonvinċu lil din il-Qorti illi r-restrizzjoni imposta mill-klawsola in kwistjoni kienet waħda raġonevoli jew ġustifikata, il-Qorti hija tal-fehma li din ma għandhiex titqies bħala valida u enforzabbli. Għaldaqstant, il-klawsola 7.6 għandha titqies li hija mingħajr ebda effett legali.*

***Klawsola 7.7***

*Is-segwenti għemil tal-konvenut* post contractu *wkoll ġie pprojbit fil-kuntratt ta' impjieg de quo:-*

*7.7* "... endeavour to entice away from the Employer any person who was, at any time throughout the operation of this Contract, employed or engaged by the Employer."

*Minnufih il-Qorti tqis illi din ir-restrizzjoni hija inenforzabbli. Huwa paċifikament ritenut, fosthom fis-sentenza fuq ċitata fl-ismijiet* ***FirstUnited Insurance Brokers Limited vs Karl Farrugia Wismayer*** *fejn il-Qorti reġgħet ċitat lil Selwyn, illi:-*

*"*19.40 A covenant which purports to restrict the right of an employee to solicit or entice other employees to leave the employer's employment and to work for another employer is generally void ... Thus employees are not part of the assets of an employer like stock in trade or goodwill and customers. A restriction which is sought to prevent a person from poaching employees irrespective of their expertise, technical knowledge and/or juniority, and which could also apply to employees who were not in the particular employment when the defendant left was clearly a restriction against competition and therefore void (**TCS Europe UK Ltd vs Massey – ***1999 – IRLR 22)."*

*Fil-każ* ***Office Angles Ltd v. Rainer-Thomas*** *(fn. 22 – (1991) IRLR 215) il-Qorti Ingliża kienet iddikjarat illi:-*

"The employer's claim for protection must be based upon the identification of some advantage or asset inherent in the business which can properly be regarded as, in a general sense, his property, and which it would be unjust to allow the employee to appropriate for his own purposes, even though he, the employee, may have contributed to its creation."

*Diġà fid-deċiżjoni fil-każ* ***Kores Manufacturing Co Ltd. vs Kolok Manufacturing Ltd.*** *(fn. 23 C.A. 1959, ċitata supra) Jenkins LJ kien irritjena, b'referenza għar-restrizzjoni imposta* post contractu *fuq l-impjegat kontra l-ingaġġ ta' impjegati tal-prinċipal, illi:-*

"**Apart from the question of trade secrets and confidential information**, we have described the matter requiring protection as being the adequacy and stability of the plaintiffs' and defendants' respective complements of employees. That, no doubt, is an interest which employers are entitled to protect by all legitimate means, as by paying good wages and making their employment attractive ... But an employer has no legitimate interest in preventing an employee, after leaving his service, from entering the service of a competitor merely on the ground that the new employer is a competitor. The danger of the adequacy and stability of his complement of employees being impaired through employees leaving his service and entering that of a rival is not a danger against which he is entitled to protect himself by exacting from his employeees covenants that they will not, after leaving his service, enter the service of any competing concern."

*Fil-fehma tal-Qorti, dan l-insenjament għandu jsib applikazzjoni sħiħa għall-fattispeċi tal-każ tal-lum kif ukoll* a contrariu sensu *billi, fil-kunsiderazzjoni ta' restrizzjoni bħal din, filwaqt li tirrikonoxxi illi l-prinċipal għandu interess leġittimu illi jmantni bażi stabbli ta' ħaddiema mħarrġa u jipproteġi kontra l-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali, tqis illi l-istess prinċipal ma għandu ebda interess leġittimu illi jippreskludi lil xi impjegat li jitlaq mill-impjieg tiegħu, milli jimpjega miegħu persuni li wkoll kienu impjegati tal-istess prinċipal.*

*Għaldaqstant, il-klawsola 7.7 in diżamina, stabbilit illi mhijiex raġonevoli, ma għandha jkollha ebda effett bejn il-partijiet, u bħala tali, ma tistax tiġi enforzata kontra l-intimat.*

***Klawsola 9.5***

*Il-klawsola 9.5 imbagħad, tivvjeta lill-konvenut milli* ***f'kull żmien****, kemm waqt l-operat tal-kuntratt kif ukoll wara t-terminazzjoni tal-impjieg għal kwalsiasi raġuni, u kontra l-ħlas ta' danni pre-likwidati fis-somma ta' €2,000, jikxef:*

"any information and/or data, commercially sensitive or otherwise, as may pertain to the Employer and his activities and which may come to his knowledge in the course of his employment. The Employee shall similarly not make use of any such information and/or data for his own personal advantage or that of third parties."

*Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għad-deċiżjoni fil-każ **Intercall Conferencing Services Ltd. vs Steer** (fn. 24 QBD 15 Mar, 2007 (2007) EWHC 519 (QB) li kienet tittratta ksur ta' klawsola f'kuntratt ta' impjieg li kienet tipprojbixxi lill-impjegat, li f'dan il-każ kellu aċċess għal firxa estensiva ta' sistemi ta' informazzjoni, milli jaħdem ma' kompetituri tal-prinċipal u milli jiżvela informazzjoni kunfidenzjali. Il-High Court irriteniet illi r-restrizzjoni f'dan il-każ kienet neċessarja:-*

*"...* because difficulties in identifying what is and what is not confidential information may mean that a non-competition clause is the most satisfactory term of restraint. The six-month period seems to me to be appropriate and the words which are in competition with the business carried on by the Company are reasonable. The capacity in which the employee in fact works for the new employer cannot in itself be decisive. If he possesses confidential information which it is appropriate to protect and there is a risk that in the course of his new work the duty of confidentiality may be breached, it matters not in precisely what capacity he is to work."

*Fid-deċiżjoni fil-każ **Thomas v. Farr plc and Another** (fn. 25 CA 20th Feb, 2007 – (2007) EWCA Ċiv. 118 IRLR 419, (2007) ICR 932), il-Qorti f'każ fejn l-impjegat li preċedentement kien iċ-chairman tal-kumpannija li topera fil-qasam ta' servizzi ta' assigurazzjoni, kellu patt konvenzjonali fil-kuntratt ta' servizz tiegħu illi kienet tirrestrinġih milli jimpjega ruħhu fl-istess qasam tan-negozju għal sena wara t-terminazzjoni tas-servizz tiegħu, irriteniet hekk:-*

"... Provided the employer was able to particularise the information said to be confidential so as to allow the court to be satisfied that it has a legitimate interest to protect, it is no argument against a restrictive covenant that it may be very difficult for either the employer or the employee to know where exactly the line may lie between information which remains confidential after the end of the employment and the information which does not. In the nature of things, the employee had been exposed to much confidential information, and the company was entitled to have it protected."

*Fuq l-iskorta tal-premess, il-Qorti tqis illi l-enforzabbilità ta' restrizzjonijiet konvenzjonali kontra l-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva*

*kummerċjalment, għandha tkun affermata mhux minħabba l-konsiderazzjoni li l-impjegat – bis-saħħa tal-impjieg jew it-taħriġ tiegħu mal-prinċipal – jikseb is-sengħa jew għarfien meħtieġ biex ikun kompetitur potenzjal fil-qasam tan-negozju tal-prinċipal, iżda minħabba l-konsiderazzjoni li huwa jista' jakkwista personalment tagħrif dwar u influwenza fuq il-klijenti tal-prinċipal, jew għarfien tat-trade secrets tal-prinċipal tiegħu, li jagħtuh is-setgħa li japprofitta ruħhu mill-konnessjonijiet fin-negozju tal-prinċipal jew jutilizza l-informazzjoni minnu miksub kunfidenzjalment.*

*Iżda ġie ritenut ukoll illi fejn il-klawsola li tikkontjeni r-restrizzjoni fuq it-tixrid jew divulgar ta' tagħrif kunfidenzjali, tkun imfassla b'mod wiesgħa tant li r-restrizzjoni tinkludi materji li fihom mhemmx kwistjoni ta' kunfidenzjalità, u tinkludi wkoll tagħrif li l-impjegat jista' faċilment jiftakar u juża liberalment, kif ukoll meta r-restrizzjoni ma tkunx limitata bi żmien definit, din għandha titqies bħala nieqsa mir-raġonevolezza li għandha tkun inerenti f'kull* restraint of trade *u kwindi tkun inenforzabbli (fn. 26* ***Caterpillar Logistics Services (UK) Ltd vs Huesca De Crean:*** *QBD 2 Dec. 2011). Effettivament, kif rajna, minħabba diffikoltajiet prattiċi fid-distinzjoni bejn dak li huwa tagħrif kunfidenzjali u mhux, ir-restrizzjoni kontra l-iżvelar ta' informazzjoni ġeneralment tieħu s-sura ta'* non-competition clause.

*Ikkunsidrat:*

*Iżda, fil-każ odjern, il-Qorti tosserva illi l-klawsola 9.5 tal-kuntratt konkluż bejn il-partijiet, ma tivvjetax l-impjieg tal-intimat ma' kompetitur dirett tal-prinċipal għall-fini tal-protezzjoni ta' informazzjoni li hija kunfidenzjali jew sensittiva kummerċjalment, iżda tipprojbixxi l-iżvelar ta'* ***kull xorta ta' informazzjoni*** *li tappartjeni lill-attur u lill-attivitajiet kummerċjali tiegħu, liema restrizzjoni espressament tolqot ukoll* ***informazzjoni li ma titqiesx li hija kunfidenzjali jew sensittiva kummerċjalment.*** *Inoltre, ir-restrizzjoni* ***ma hijiex limitata fiż-żmien*** *u jidher li hija* ***applikabbli indefinittivament.*** *Għalhekk, kif imfassla fil-klawsola in kwistjoni għalkemm hija raġonevoli in kwantu tipproteġi interess leġittimu tal-attur bħala prinċipal, ċioe l-interess li jżomm lill-intimat milli jakkwista tagħrif dwar u kwindi influwenza fuq il-klijenti tan-negozju tiegħu li bihom il-intimat jista' japprofitta ruħhu mill-konnessjonijiet fin-negozju tal-priniċpal, mhijiex raġonevoli in kwantu ma tillimitax ix-xorta ta' tagħrif għal dak li għandu valur kummerċjali jew li huwa kunfidenzjali, u lanqas ma tillimita l-parametru temporali tar-restrizzjoni. Fuq kollox, ma ntweriex li jeżistu ċirkostanzi speċjali li jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' din ir-restrizzjoni fiċ-ċirkostanzi u xejra partikolari tan-negozju tal-attur.*

*Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi l-klawsola 9.5 ma hijiex enforzabbli fil-forma li fiha ġiet pattwita, u ma għandha għalhekk l-ebda effett bejn il-partijiet.*

*Ikkunsidrat;*

*Miżmum ferm dak kollu fuq premess, qed jiġi deċiż illi kien hemm ksur tal-prinċipji tad-dritt esposti fit-tielet eċċezzjoni tal-intimat, kwantu illi l-klawsoli kollha fil-kuntratt ta' impjieg konkluż bejn il-partijiet li jipprospettaw il-ħlas ta' danni pre-likwidati, jikkostitwixxu lkoll* restraints of trade *li mhumiex raġonevoli u li jmorru kontra l-ordni pubbliku. Effettivament, il-Qorti tqis illi ebda waħda mill-klawsoli fil-kuntratt tal-impjieg konkluż bejn il-partijiet u li fuqhom tinsab imsejsa t-talba attriċi għall-ħlas ta' danni pre-likwidati, ma huma enforzabbli u konformement, it-tielet eċċezzjoni kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni kwantu imsejsa fuq l-artikolu 985 tal-Kodiċi Ċivili, huma fondati u jistħoqqu li jiġu milqugħa.*

*Billi l-effett tal-akkoljiment ta' parti mill-ewwel eċċezzjoni u tat-tielet eċċezzjoni sollevati mill-intimat fir-Risposta tiegħu, huwa n-nuqqas ta' enforzabbilità tar-restrizzjonijiet kuntrattwali li fuqhom tinsab imsejsa b'mod sħiħ it-talba attriċi għall-ħlas ta' danni pre-likwidati, il-Qorti tqis illi ma għadx hemm il-ħtieġa illi tistħarreġ il-mertu tal-istess talba attriċi.*

***<u>Decide</u>***

***Għal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni kwantu msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u tiċħad ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-intimat, tilqa' parzjalment l-ewwel eċċezzjoni kwantu msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 985 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tilqa' t-tielet eċċezzjoni, u konsegwentement tiċħad in toto t-talbiet attriċi, u tordna wkoll li għall-fini tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12, kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.***

## <u>L-Appell</u>

9. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-18 ta' Novembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-30 ta' Ottubru, 2019 fl-ismijiet premessi u dan billi tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni kwantu msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet*

*ta' Malta, u tikkonfermaha ukoll fejn ċaħdet ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-intimat, b'dan li għandha tħassarha u tirrevokaha fejn laqgħet parzjalment l-ewwel eċċezzjoni kwantu msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 985 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħassarha u tirrevokaha fejn laqgħet it-tielet eċċezzjoni, u minflok tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni kwantu msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 985 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tiċħad it-tielet eċċezzjoni, b'dan li tirrinvija l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għall-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża fuq il-mertu;*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat."*

10. L-appellant spjega li huwa jaqbel b'mod sħiħ mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn din ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni imsejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452, u fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-intimat, iżda ma jaqbilx li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' parzjalment l-ewwel eċċezzjoni kwantu msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 985 tal-Kap. 16, u ma jaqbilx ukoll li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-intimat.

11. L-appellant spjega li huwa ħass ruħu aggravat bis-sentenza appellata mhux tant minħabba l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li għamlet l-Ewwel Qorti, imma għaliex huwa ma qabilx mal-applikazzjoni tal-enunċjamenti ta' dritt li għamlet l-Ewwel Qorti għall-fattispeċi ta' dan il-każ. L-appellant għamel riferiment għall-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn intqal li restrizzjonijiet imposti fuq impjegat wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu huma ġeneralment validi u inforzabbli biss mill-Qrati jekk il-prinċipal jipprova li għandu interess leġittimu li jeżiġi l-impożizzjoni tar-restrizzjoni, u li dik ir-restrizzjoni tkun raġonevoli, legali u fondata fil-liġi tal-impjieg. Imma f'każ li r-restrizzjoni tmur kontra dak li huwa raġonevolment meħtieġ biex jipproteġi interess leġittimu tan-negozju tal-prinċipal, il-klawsola relattiva fil-kuntratt ma

tkunx tista' tiġi eżegwita. Żied jgħid li fil-fehma tiegħu, dawn il-konsiderazzjonijiet jiġbru l-pożizzjoni ġuridika korretta, imma qal li f'dan il-każ partikolari, din il-pożizzjoni legali tagħti konfort sħiħ lill-inforzabbilità tal-klawsoli inkwistjoni meta applikata għall-fattispeċi tal-każ. Qal li l-klawsoli in diżamina huma ġustifikabbli u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, u għalhekk kellhom jitqiesu bħala kundizzjonijiet validi u inforzabbli tal-patt konvenzjonali milħuq bejn il-partijiet. Qal li l-klawsoli fil-kuntratt kienu maħsuba biex jipproteġu n-negozju tiegħu, inkluż l-għajxien tal-impjegati tiegħu, u kien għalhekk li huwa introduċa projbizzjonijiet b'parametri moderati u definiti. Qal li huwa ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti sa fejn din qalet li l-klawsoli in eżami għandhom firxa wiesgħa wisq, u li dawn imponew fuq l-impjegat restrizzjonijiet sproporzjonati sal-grad li wasslu għall-irraġonevolezza. L-appellant għamel riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin kif ukoll għall-kitbiet ta' awturi prolifiċi bħalma huwa Norman Selwyn, 'Law of Employment', li jgħid li hemm erba' interessi leġittimi li l-prinċipal għandu jħares meta jintroduċi klawsoli restrittivi, jiġifieri l-ħarsien ta' informazzjoni kunfidenzjali, il-protezzjoni ta' klijenti u konnessjonijiet eżistenti, il-protezzjoni minn xogħol ma' kompetituri, u sabiex ma jkunx hemm teħid ta' impjegati min-negozju tal-prinċipal. L-appellant għamel riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Mark Bugeja et *vs.* Mellyora Grech**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell [Inf.], li sar riferiment għaliha mill-Ewwel Qorti, u qal li anki fil-każ odjern, il-klawsoli mertu ta' dawn il-proċeduri ġew speċifikament maħsuba sabiex filwaqt li hu bħala prinċipal ikun f'qagħda li jissalvagwardja l-interessi tiegħu, il-klawsoli ma jkollhomx applikazzjoni drakonjana li taf tħalli lill-appellat fl-impossibilità li jkun jista' jaqla' l-għajxien tiegħu. Qal li dawn il-klawsoli kienu maħsuba sabiex jipproteġu l-għanijiet

leġittimi indikati mill-awtur Selwyn, filwaqt li jkollhom applikazzjoni limitata u raġonevoli fuq l-appellat. Żied jgħid li dawn il-klawsoli huma limitati biż-żmien u bi projbizzjonijiet speċifiċi, biex b'hekk l-applikazzjoni tagħhom tkun waħda proporzjonata u intiża sabiex tirriżarċixxi lill-appellant għall-ħsara sofferta minnu fejn l-appellat ikun għażel li jikser l-obbligi speċifiċi liberament assunti minnu. L-appellant qal li anki l-*quantum* tad-danni mhux wieħed esaġerat jew sproporzjonat meta wieħed iqis l-introjtu li jista' jiġi ġġenerat f'dan il-qasam ta' xogħol, u għalhekk dawn il-klawsoli kienu maħsuba l-aktar biex iservu ta' deterrent mingħajr ma jxekklu l-libertà tal-appellat. Qal li jekk wieħed kellu jagħsar dawn il-klawsoli, wieħed isib li l-appellat kien qiegħed jiġi pprojbit milli jaħdem bħala barbier għal perijodu ta' sitt xhur, u għalhekk l-appellat seta' faċilment isib impjieg alternattiv anki f'oqsma relatati mingħajr ma jagħmel ħsara lin-negozju tal-appellant. L-appellant qal li f'dan il-każ l-appellat lanqas xehed sabiex jispjega jekk huwiex kapaċi jaħdem u jaqla' l-għajxien tiegħu minn sorsi oħra ta' impjieg. Qal li analiżi akkurata mill-Ewwel Qorti ta' din il-klawsola kellha twassal għall-konklużjoni li din il-klawsola hija ġustifikabbli u raġonevoli, maħsuba biss biex tipproteġi interess leġittimu kif trid il-liġi.

12. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-klawsola 7.5 tal-kuntratt[1], hija waħda irraġonevoli u kontra l-ordni pubbliku, billi qieset li kienet tipprojbixxi lill-appellat milli jikkompeti mal-appellant 'bla restrizzjoni ta' xejn'. Qal li huwa ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti, u fil-fehma

---

[1] 7.5 "*The Employee shall, both during the period of operation of this Contract, as well as for a period of six months following its termination or cessation for any reason whatsoever, whether on his own behalf or on behalf of any other person, abstain from engaging in any activity, within the jurisdiction of Malta, which may, directly or indirectly, compete with that of the Employer, or prejudice the latter's interests. Any breach or violation of this clause shall, without prejudice to any other right available to the Employer under this Contract, render the Employee liable to pay the Employer a sum of two thousand euro (€2,000) by way of pre-liquidated non-abatable damages.*"

tiegħu kellu jirriżulta li din il-klawsola ġiet introdotta bil-ħsieb li ddaħħal numru ta' restrizzjonijiet impliċiti li kellhom jirrenduha raġonevoli. L-appellant qal li mhux minnu li din il-klawsola kienet maħsuba biex tirrestrinġi kompletament il-kapaċità lavorattiva tal-appellat, imma l-ħsieb wara din il-klawsola kien sabiex l-appellat ikun ipprojbit milli jaħdem jew joffri servizzi li jikkompetu man-negozju tal-appellant, jiġifieri milli joffri servizzi ta' barbier tradizzjonali bit-tekniċi u l-partikolaritajiet tas-servizz kif mgħallma mill-appellant innifsu. Qal ukoll li għalhekk għandu jirriżulta li l-iskop wara din il-klawsola kien wieħed leġittimu, għaliex huwa ma xtaqx isib ruħu ffaċċjat b'kompetitur li jagħmel kapital mill-għarfien, mit-teknika u mill-ispeċjalizzazzjoni li jkunu ġew mgħallma minnu stess. Qal li bl-inklużjoni ta' din il-klawsola, l-appellat xorta waħda baqa' fil-libertà li jaħdem bħala *hairdresser* jew parrukkier jew f'xi xogħol ieħor li għandu x'jaqsam max-xagħar, jew mal-bejgħ ta' prodotti tal-irġiel. Qal li għalhekk mhux minnu li l-effett ta' din il-klawsola kien sabiex l-appellat jiġi inibit milli jaqla' l-għajxien tiegħu. Qal li għalhekk meta din il-klawsola tirreferi għall-attività tal-appellant, l-attività hija limitata għal dak li attwalment jagħmel l-appellant, u mhux għal attivitajiet oħra li ma jiffurmawx parti mill-attività kummerċjali tiegħu. L-appellant qal li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konklużjonijiet tagħha dwar dan. L-appellant qal li barra minn hekk, din il-projbizzjoni kienet maħsuba biex ikollha effett għal perijodu ta' sitt xhur, li huwa meqjus bħala żmien suffiċjenti biex ikun hemm *cooling off period.* L-appellant qal ukoll li wara li jgħaddu s-sitt xhur, l-appellat kellu jkun liberu li jkompli l-ħajja lavorattiva tiegħu, billi jagħmel kapital sħiħ u ampju mit-taħriġ, mit-tagħlim u mill-prattika li kien ibbenefika minnha tul iż-żmien li dam jaħdem mal-appellant. Qal li anki l-*quantum* tal-penali kien wieħed

raġonevoli u jekwivali għal tliet xhur paga tal-appellat. Żied jgħid li kieku kellu jikkwantifika d-danni realment sofferti minnu minħabba l-aġir tal-appellat, is-somma kienet tkun ferm akbar mill-penali pattwita, u dan għaliex l-appellat għażel li jibda jikkompeti b'mod dirett mal-appellant, mill-istess post fejn kien imexxi n-negozju tiegħu l-appellant qabel, u anki beda javviċina klijenti tal-appellant u jġegħelhom jaħsbu li huwa kien għadu jaħdem miegħu. Qal li l-Ewwel Qorti kien ikollha raġun tgħid li l-penali pattwita hija waħda irraġonevoli li kieku din kienet tammonta għal xi somma eżorbitanti u straordinarja, filwaqt li dan mhux il-każ hawnhekk. L-appellant qal li l-*quantum* tal-penali kien maħsub biex jagħmel tajjeb *in parte* għall-ammont ta' ħsara li huwa ser ikun qiegħed isofri fiż-żmien qasir ta' sitt xhur li fihom l-appellat iwettaq xi waħda mill-affarijiet ipprojbiti.

13. L-appellant qal li lanqas il-klawsola 7.6 tal-kuntratt ta' impjieg ma tqieset raġonevoli u ġustifikata mill-Ewwel Qorti, għaliex kienet tolqot numru ta' persuni mingħajr limitu.[2] Qal li huwa ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li din il-klawsola hija waħda vaga u ġenerika wisq, u li din xekklet il-prinċipju ta' kompetizzjoni ġusta, u żied jgħid li kieku l-Ewwel Qorti qieset ix-xhieda tal-appellant u ta' martu Fleur Camilleri, hija kienet tkun f'qagħda li tifhem l-applikazzjoni tal-klawsoli in diżamina fil-kuntest tan-negozju speċifiku tal-appellant. Qal li l-iskop tal-klawsola 7.6 kien li l-appellat ikun projbit għal sitt xhur milli jissolleċita klijentela tal-appellant, u li tali projbizzjoni ma fiha

[2] Il-klawsola in kwistjoni tgħid hekk: "*The Employee shall not, both during the period of operation of this Contract, as well as for a period of six months following its termination or cessation for any reason whatsoever, seek to procure orders from, or do business with, any person who has, at any time throughout the operation of this Contract, done business with the Employer. Any breach or violation of this clause shall, without prejudice to any other right available to the Employer under this Contract, render the Employee liable to pay the Employer a sum of two thousand euro (€2,000) by way of pre-liquidated non-abatable damages.*"

xejn irraġonevoli għaliex l-iskop tagħha kien li l-appellant jipproteġi l-klijentela tiegħu, anki in vista tal-obbligi li huwa għandu mal-impjegati l-oħra tiegħu. Qal li mhux raġonevoli li wieħed jippretendi li jidħol jaħdem ma' xi ħadd, jibbenefika mir-reputazzjoni tiegħu, u mit-tagħlim u l-investiment kollu li dan ikun għamel fih, u meta jfettillu jitlaq u jieħu vantaġġ minn dak kollu li jkun ibbenefika minnu sabiex jikkawża ħsara lill-ex prinċipal tiegħu. Qal li huwa bl-ebda mod ma pprova jwaqqaf lill-appellat milli jaqla' l-għajxien tiegħu jew milli juża l-kapaċitajiet tiegħu, iżda l-partijiet kienu qablu bejniethom li jekk l-appellat ma jibqax fl-impjieg, għandu japplika perijodu ta' sitt xhur li fih huwa għandu jżomm lura milli jagħmel negozju mal-klijenti tal-appellant. Qal li f'din il-projbizzjoni m'hemm xejn li huwa irraġonevoli li jirrażenta l-ksur tal-ordni pubblika, u wara li jgħaddu l-imsemmija sitt xhur l-appellat kien ser ikun fil-libertà li jekk irid jattira kemm irid mill-klijenti li kellu l-appellant. L-appellant qal li din il-projbizzjoni kienet delineata b'mod restrittiv għal dak li jirrigwarda ż-żmien, il-*quantum* tal-penali kif ukoll ġeografikament, għaliex il-projbizzjoni kienet limitata għat-territorju Malti.

14. B'riferiment għall-klawsola 7.7[3], l-appellant qal li huwa ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-prinċipal m'għandux interess leġittimu jikkuntratta klawsola bħal din. Qal li huwa ried jipproteġi n-negozju tiegħu billi jipprevjeni l-impjegati li jkunu ġew imħarrġa, mgħallma u familjarizzati mal-klijentela tiegħu, milli jitilqu jaħdmu mal-appellat. Qal li meta

[3] *"The Employee shall not, both during the period of operation of this Contract, as well as for a period of six months following its termination or cessation for any reason whatsoever, endeavour to entice away from the Employer any person who was, at any time throughout the operation of this Contract, employed or engaged by the employer. Any breach or violation of this clause shall, without prejudice to any other right available to the Employer under this Contract, render the Employee liable to pay the Employer a sum of two thousand euro (€2,000) by way of pre-liquidated non-abatable damages."*

wieħed iqis il-livell ta' taħriġ li huwa jagħti lill-impjegati tiegħu, partikolarment fit-teknika u s-sengħa partikolari mħaddma fin-negozju tiegħu, wieħed jifhem li tali klawsola kienet waħda raġonevoli.

15. L-appellant qal li l-klawsola 9.5 fil-kuntratt ta' impjieg tal-appellat[4], kienet maħsuba biex tipproteġi informazzjoni kummerċjalment sensittiva tan-negozju. L-appellant qal li din il-klawsola ġiet imdaħħla fil-kuntratt tal-impjieg tal-appellat sabiex jiġi evitat li l-appellat jagħmel użu mit-tekniċi u mit-tagħrif speċjalizzat żviluppat mill-appellant tul il-karriera tiegħu, bl-iskop li japprofitta ruħu u juża l-informazzjoni miksuba minnu kunfidenzjalment a skapitu tal-appellant. Qal li din il-klawsola ma kinitx maħsuba biex tiġbor taħtha materji li mhumiex ta' natura kunfidenzjali jew tagħrif li l-appellat seta' jiftakar u juża liberalment. Qal li l-għarfien u s-sengħa partikolari relattivi għas-servizz li joffri l-appellant ġew żviluppati minnu tul is-snin, u huwa ried jipproteġihom, ried ukoll jipproteġi l-informazzjoni kollha relattiva għall-klijentela tiegħu. Qal li din il-klawsola m'għandha l-ebda applikazzjoni fir-rigward ta' informazzjoni li mhijiex min-natura tagħha kunfidenzjali jew kummerċjalment sensittiva, u huwa m'għandu l-ebda skop li jipproteġi informazzjoni li ma tikkonċernax l-operat tan-negozju tiegħu. Qal li l-fatt li fir-rigward ta' din il-klawsola partikolari m'hemm l-ebda limitazzjoni ta' żmien, ma jfissirx li din għandha titqies wiesgħa wisq, għaliex l-ebda trapass ta' żmien m'għandu jiġġustifika li din l-informazzjoni tintilef favur terzi.

[4] *"The Employee shall not, both during the period of operation of this Contract, as well as following its termination or cessation for any reason whatsoever, divulge any information and/or data, commercially sensitive or otherwise, as may pertain to the Employer and his activities and which may come to his knowledge in the course of his employment. The Employee shall similarly not make use of any such information and/or data for his own personal advantage or that of third parties. Any breach or violation of this clause shall, without prejudice to any other right available to the Employer under this Contract, render the Employee liable to pay the Employer a sum of two thousand euro (€2,000) by way of pre-liquidated non-abatable damages."*

16. Qal li għalhekk huwa jsostni li l-klawsoli inkwistjoni ma jammontawx għal *restraint of trade,* u dawn il-klawsoli għandhom għanijiet leġittimi, huma temporalment u ġeografikament limitati, jipprojbixxu aġir speċifiku, u huma maħsuba biex jagħmlu tajjeb għad-danni sofferti bil-ħlas mill-appellat ta' somom raġonevoli u proporzjonati.

**Ir-Risposta tal-Appell**

17. L-appellat jissottometti li bir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant qiegħed jitlob lil din il-Qorti ta' reviżjoni terġa' tistħarreġ il-kuntest tal-fatti kif esposti quddiem l-Ewwel Qorti, u dan wara li dik il-Qorti stħarrġet il-fatti kollha li kellha quddiemha u sabet li fiċ-ċirkostanzi fattwali tal-impjieg tal-appellat, li kien imħallas ftit aktar mill-paga minima, il-klawsoli restrittivi li jidħlu fis-seħħ wara t-terminazzjoni ta' impjieg, jammontaw għal *restraint of trade* u għalhekk imorru kontra l-ordni pubbliku u huma pprojbiti bl-artikolu 985 tal-Kap. 16. L-appellat qal li din id-dispożizzjoni tal-liġi tirrendi klawsoli f'kuntratt mhux inforzabbli, jekk dawn ikunu jmorru kontra l-ordni pubbliku. L-appellat qal li din il-Qorti tal-Appell m'għandhiex tiddisturba leġġerment l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti, sakemm ma jirriżultawx raġunijiet gravi u impellenti li jitolbu li jsir dan sabiex jiġi evitat preġudizzju gravi għal xi parti fil-kawża.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

18. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza

appellata u s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat. L-appellant ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, li kkonkludiet li l-klawsoli penali fil-kuntratt ta' impjieg tal-appellat, mhumiex raġonevoli u għalhekk m'għandhomx jiġu infurzati. Mill-provi jirriżulta li l-appellant nieda kunċett ġdid hawn Malta, billi fetaħ stabbiliment li joffri servizzi tradizzjonali bħall-qtugħ tax-xagħar u tqaxxir tal-leħja, iżda bl-applikazzjoni ta' tekniċi moderni li l-appellant tgħallem anki meta kien jaħdem barra minn Malta. Jirriżulta wkoll li n-negozju tal-appellant huwa wieħed distint u l-appellant jimpjega miegħu diversi persuni wara li jtihom it-taħriġ meħtieġ u jara li dawn ikunu ta' benefiċċju għan-negozju tiegħu. Jirriżulta għalhekk li l-appellant ħaseb biex jipproteġi l-investiment li huwa għamel fin-negozju tiegħu billi jidħol f'kuntratt ta' impjieg mal-persuni li jkunu ser jaħdmu miegħu, fejn jirregola anki dak li jista' jagħmel l-impjegat wara li jitlaq mill-impjieg mal-appellant. Jirriżulta li f'dan il-każ il-kuntratt ta' impjieg tal-appellat ġie ffirmat fl-1 ta' Ġunju, 2017 u l-impjieg tiegħu ġie tterminat fit-13 ta' Marzu, 2018, wara li lill-appellant irriżultalu li l-appellat ma kienx qiegħed jimxi bil-mod mistenni minnu fuq il-post tax-xogħol. Mart l-appellant xehdet kif it-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet ċirkostanza unika għaliex l-impjegati tan-negozju tagħhom huma meqjusa u ttrattati bħala parti mill-familja tal-appellant, u d-deċiżjoni estrema li l-appellat jitkeċċa mix-xogħol ittieħdet wara li dan ripetutament kien qiegħed jasal tard għax-xogħol u jħalli l-klijenti jistennew, u dan wassal għal diversi ilmenti u telf ta' klijentela għall-appellant. Mix-xhieda li l-appellant u martu taw quddiem l-Ewwel Qorti, irriżulta li wara li l-appellat tkeċċa mill-impjieg, dan mar jaħdem fi stabbiliment ġewwa Tigné, li sa ftit qabel kien immexxi mill-appellant, u dan kien qiegħed jagħti l-impressjoni li dan l-

istabbiliment kien għadu proprjetà tal-appellant. L-appellant u martu qalu wkoll li l-appellat kien qiegħed juża t-teknika u l-għarfien li huma tawh bħala parti mit-taħriġ qabel mhuwa ġie impjegat, sabiex jattira klijenti tagħhom u sabiex jikkompeti magħhom. Kien għalhekk li l-appellant fetaħ proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti fejn talab lill-appellat iħallsu danni fl-ammont ta' tmint elef Euro (€8,000) rappreżentanti elfejn Euro (€2,000) għal kull waħda mill-klawsoli li fil-fehma tal-appellant inkisru mill-appellat. L-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha qieset li l-mod kif dawn il-klawsoli ġew redatti fil-kuntratt ta' impjieg tal-appellat, jammonta għal *restraint of trade* li mhux ġustifikat jew raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ, partikolarment in vista tal-ħtiġijiet tan-negozju, in-natura tan-negozju, il-kariga u s-salarju tal-appellat, u l-perijodu effettiv tas-servizz, u stabbiliet li aktar ma tkun wiesgħa r-restrizzjoni, akbar ikun l-oneru fuq il-prinċipal sabiex juri li r-restrizzjoni hija waħda raġonevoli.

19. Permezz tar-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant qal li huwa ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-klawsoli stipulati minnu fil-kuntratt ta' impjieg tal-appellat m'għandhomx jitqiesu raġonevoli u ġustifikati, u qal li minkejja l-pożizzjoni legali adottata mill-Ewwel Qorti li restrizzjonijiet bħal dawn iridu jkunu raġonevoli u fondati fil-liġi, l-Ewwel Qorti kellha tapplika din il-pożizzjoni legali għaċ-ċirkostanzi fattwali partikolari ta' dan il-każ. L-appellant qal li f'dan il-każ ma sarx hekk, u kieku sar hekk l-Ewwel Qorti kienet tasal għall-konklużjoni li dawn il-klawsoli huma validi u inforzabbli għaliex jilħqu bilanċ bejn il-ħarsien tal-interessi tal-prinċipal min-naħa l-waħda, u l-jeddijiet tal-appellat, partikolarment il-jedd li dan ikun jista' jaħdem u jaqla' l-għajxien

tiegħu. Qal ukoll li l-*quantum* tad-danni prelikwidati impost minnu, mhuwiex wieħed esaġerat, u huwa proporzjonat mad-dħul li l-appellat kien mistenni li jaqla'. Qal li dawn id-danni ġew imposti minnu sabiex iservu bħala deterrent u sabiex jevita li huwa jiġi ffaċċjat b'kompetizzjoni minn persuni li jkunu tħarrġu u trawmu fis-sengħa minnu stess, anki għaliex huwa jrid jipproteġi l-għajxien tal-impjegati l-oħra li jaħdmu miegħu.

20. Il-Qorti fehmet is-sitwazzjoni partikolari li sab ruħu fiha l-appellant, li wara li ta opportunità ta' xogħol lill-appellat, kien kostrett li jitterminalu l-impjieg tiegħu minħabba diversi nuqqasijiet li fil-fehma tal-appellant bdew iħallu impatt negattiv fuq in-negozju tiegħu. Huwa għalhekk li sabiex tittieħed deċiżjoni dwar jekk il-klawsoli maqbula bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' impjieg tal-appellat humiex raġonevoli jew le, il-Qorti għandha tagħmel eżerċizzju fejn tevalwa kull klawsola b'mod individwali u tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellant u s-sottomissjonijiet tal-appellat f'dan ir-rigward.

**<u>Klawsola 7.5</u>**

21. Din il-klawsola tirrestrinġi lill-appellat milli jagħmel kull attività, li tista' direttament jew indirettament tikkompeti mal-attività tal-appellant jew tippreġudika l-interessi tiegħu, kemm waqt li huwa jkun għadu fl-impjieg tal-appellant, kif ukoll għal perijodu ta' sitt xhur wara li l-impjieg tiegħu mal-appellant jiġi tterminat. L-appellant jgħid li b'din il-klawsola huwa ried ifisser li l-appellat ma kellux jaħdem bħala barbier, għaliex hija din l-attività

kummerċjali ġestita minnu bħala prinċipal. L-appellant jgħid ukoll li huwa bl-ebda mod ma ried jimpedixxi lill-appellat milli jagħmel xogħol, inkluż dak relatat mal-*hairdressing* jew il-bejgħ ta' prodotti tal-irġiel, li mhuwiex f'kompetizzjoni diretta mal-intrapriża tiegħu. Spjega li din il-klawsola hija maħsuba biex huwa ma jkunx iffaċċjat b'kompetitur li jagħmel użu mill-għarfien, mit-teknika u mill-ispeċjalizzazzjoni mgħallma minnu stess, imma hu bl-ebda mod ma ried ifixkel lill-appellat milli jkun jista' jaqla' l-għajxien tiegħu. Żied jgħid li l-applikazzjoni ta' din il-klawsola hija għal perijodu relattivament qasir ta' sitt xhur, u wara li jgħaddu dawn is-sitt xhur, l-appellat għandu jkun liberu li jaħdem fejn irid u li jinvolvi ruħu f'kull attività kummerċjali li tkun, inkluż dik li tkun f'kompetizzjoni diretta mal-appellant.

21. Il-Qorti kkonsidrat li l-kliem użat f'din il-klawsola huwa wieħed ġeneriku ħafna, u li bl-ebda mod ma jinftiehem li qiegħed jipprojbixxi lill-appellat milli jagħmel xogħol identiku għal dak li jagħmel l-appellant fil-ħwienet tiegħu. Skont din il-klawsola, l-appellat ma jistax jingaġġa fl-ebda attività li b'mod dirett jew indirett, tista' tikkompeti mal-attività tal-appellant jew tippreġudika l-interessi tiegħu, u dan għal perijodu ta' sitt xhur wara li l-impjieg tal-appellat jkun ġie fi tmiemu. Il-Qorti tqis illi l-kliem użat f'din il-klawsola, ċertament li ma jinftiehemx li l-appellat ma jistax jaħdem bħala barbier bit-teknika mgħallma lilu mill-appellant, iżda hu ferm aktar ġeneriku u wiesgħa minn hekk. Minkejja li ma nġabet l-ebda prova f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li jekk l-uniċi kwalifiċi li għandu l-appellat huma fil-qasam tax-xagħar (*hairdressing*), bl-applikazzjoni ta' din il-klawsola partikolari, dan ma jkunx jista' jagħmel l-ebda xogħol marbut mal-kwalifiki li huwa tħarreġ fihom, għaliex skont din il-klawsola, kull xogħol

f'ħanut ta' parrukkier jew li b'xi mod għandu x'jaqsam max-xagħar, huwa meqjus li jikkompeti direttament jew indirettament man-negozju tal-appellant. Kuntrarjament għal dak li qiegħed jgħid l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, il-klawsola inkwistjoni mhix waħda limitata, iżda hija waħda ġenerika għall-aħħar, u hija maħsuba biex tfixkel lill-impjegat milli jfittex xogħol li anki b'mod indirett, jista' jitqies li jikkompeti mal-intrapriża tal-appellant. Huwa għalhekk li din il-klawsola ma tistax titqies li hija waħda raġonevoli u ġustifikata, għaliex f'każ li l-uniku xogħol li l-appellat huwa mħarreġ fih huwa proprju x-xogħol tal-*hairdressing,* dan jispiċċa f'sitwazzjoni fejn għal perijodu ta' sitt xhur dan ma jkunx jista' jaħdem jew jipprattika s-sengħa li huwa mħarreġ għaliha. Il-Qorti kkonsidrat li f'dan il-każ l-introjtu tal-appellat man-negozju tal-appellant kien jammonta għal ftit aktar mill-paga minima, u li dan kien ilu jaħdem mal-appellant għal ftit xhur biss, li matulhom lanqas biss qala' bħala salarju l-ammont ta' danni pretiżi mill-appellant f'dawn il-proċeduri. Din il-Qorti tqis li l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, li l-klawsola 7.5 fil-kuntratt ta' impjieg mhijiex raġonevoli u ġustifikabbli, hija korretta, u għalhekk tqis li l-aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Klawsola 7.6</u>**

22. Il-klawsola 7.6 tal-kuntratt hija maħsuba biex tipprojbixxi lill-appellat milli jieħu ordnijiet jew jagħmel negozju ma' persuni li għamlu negozju mal-appellant waqt li l-appellat kien fl-impjieg, kemm waqt il-perijodu operattiv tal-kuntratt kif ukoll għal perijodu ta' sitt xhur wara t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat. L-appellant qal li huwa ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti

li din il-klawsola hija waħda ġenerika u vaga, u qal li l-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni għaliex ma tatx piż xieraq lix-xhieda tiegħu u ta' martu. Qal li mhux raġonevoli min-naħa tal-appellat li jippretendi li jista' jibbenefika mir-reputazzjoni, it-taħriġ, it-tagħlim u l-investiment li jkun għamel fih il-prinċipal, sabiex meta dan ifettillu jitlaq mill-impjieg u jieħu vantaġġ minn dak kollu li jkun tgħallem bi ħsara għall-ex prinċipal tiegħu. Żied jgħid li permezz ta' din il-klawsola huwa ried biss iwaqqaf lill-appellat milli għal perijodu ta' sitt xhur wara t-terminazzjoni tal-impjieg, jagħmel negozju ma' klijenti tiegħu u dan bil-ħsieb li jipproteġi kemm in-negozju tiegħu kif ukoll l-għajxien tal-impjegati l-oħra kollha li jiddependu min-negozju tiegħu għall-għajxien tagħhom.

23. Il-Qorti tqis għal darb'oħra li dak li qiegħed isostni l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dak li hemm stipulat fil-kuntratt ta' impjieg tiegħu, huma żewġ affarijiet differenti. Il-klawsola inkwistjoni fil-fatt tipprojbixxi lill-appellat milli tul il-perijodu operattiv tal-kuntratt, u għal perijodu ta' sitt xhur wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg, jieħu ordnijiet mingħand, jew jagħmel negozju ma' kull persuna, li waqt li huwa kien fl-impjieg tal-appellant, setgħet għamlet negozju mal-appellant. Il-Qorti tqis li l-appellat huwa korrett meta jgħid li din il-klawsola hija maħsuba biex twaqqfu milli jagħmel negozju ma' persuni li setgħu għamlu negozju mal-appellant waqt li huwa kien jaħdem miegħu, imma li huwa ma kellux x'jaqsam magħhom, li qatt ma servihom, u li qatt ma ġew avviċinati minnu. Wieħed ma jistax jippretendi illi kif jiġri fi professjonijiet aktar regolati, bħal per eżempju fl-uffiċċji legali, l-appellat joqgħod jistaqsi lil kull persuna li tirfes fl-istabbiliment il-ġdid fejn mar jaħdem, jekk f'perijodu ta' żmien partikolari dawn kinux inqdew mill-istabbilimenti tal-

appellant. Il-mod kif inhi redatta din il-klawsola partikolari huwa wieħed ġeneriku għall-aħħar, u għalhekk ma tistax titqies li hija raġonevoli u ġustifikata, anki għaliex hija maħsuba biex toħnoq il-kompetizzjoni fis-suq. Anki hawnhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konsiderazzjonijiet u fil-konklużjonijiet li waslet għalihom l-Ewwel Qorti. Għaldaqstant tqis li l-aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**Klawsola 7.7**

24. Il-klawsola 7.7 tal-kuntratt ta' impjieg tal-appellat kellha l-iskop sabiex tipprojbixxi lill-appellat milli waqt il-perijodu tal-impjieg tiegħu mal-appellant, u għal sitt xhur wara t-terminazzjoni ta' dan l-impjieg, javviċina lil xi impjegat tal-appellant u jħajru jitlaq mill-impjieg. Anki l-ksur ta' din il-klawsola jġib miegħu danni prelikwidati fl-ammont ta' elfejn Euro (€2,000). L-appellant qal li kien fl-interess tiegħu li jdaħħal klawsola bħal din fil-kuntratt ta' impjieg tal-appellat, għaliex huwa jinvesti ħafna ħin u flus fit-taħriġ tal-impjegati li jaħdmu miegħu, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-inklużjoni ta' din il-klawsola ma kellha l-ebda għan leġittimu.

25. L-Ewwel Qorti ittenni dak li nsibu fil-każistika tal-qrati tagħna[5] fejn jiġi iċċitat l-awtur awtorevoli in materja Norman Selwyn li jsostni li l-impjegati f'negozju ma jiffurmawx parti mill-assi tal-prinċipal, bħall-istokk, l-avvjament u l-klijenti, u għalhekk qieset li l-inklużjoni ta' klawsola bħal din fil-kuntratt ta' impjieg, ma saritx għal raġunijiet leġittimi. L-Ewwel Qorti qieset illi bl-inklużjoni ta' klawsoli bħal din, il-prinċipal, ċjoé l-appellant, ikun qiegħed jipprova joħnoq

[5] FirstUnited Insurance Brokers Limited vs. Karl Farrugia Wismayer*, supra.*

il-kompetizzjoni għaliex mhuwa ser jibgħaqlu l-ebda inċentiv biex joffri kundizzjonijiet aħjar lill-impjegati tiegħu. Mill-mod kif xehdu l-appellant u martu, dawn jinsabu konvinti li l-kundizzjonijiet u s-salarji offruti minnhom huma fost l-aqwa li hawn fis-suq, tant hu hekk li t-tnejn li huma xehdu li javviċinawhom diversi żgħażagħ u jitolbuhom sabiex imorru jaħdmu magħhom. Imma mill-ftit provi miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti, jirriżulta li s-salarju li kellu l-appellat kien jammonta għal ftit aktar mill-paga minima nazzjonali, u għalhekk wieħed m'għandux għalfejn ikun sorpriż li impjegat jibda jftittex dħul jew kundizzjonijiet aħjar meta qiegħed jaħdem b'kundizzjonijiet bħal dawn. Il-Qorti mhix se tidħol fil-mertu għaliex ma jirriżultax li hemm għalfejn, imma ma tistax ma tikkummentax li f'dan il-każ l-appellant qiegħed jippretendi il-ħlas ta' elfejn Euro (€2,000) bħala danni prelikwidati mingħajr ma ġab prova li l-appellat fil-fatt ipprova jew irnexxielu jħajjar impjegati oħra tal-appellant jitilqu mill-impjieg. Ladarba l-Ewwel Qorti ma daħlitx fil-mertu tal-kwistjoni, din il-Qorti mhijiex sejra telabora dwar dan. Jibqa' l-fatt li din il-klawsola hija intiża biss biex ixxekkel il-libertà tal-impjegati milli jfittxu kundizzjonijiet aħjar minn dawk offruti mill-appellant, u għalhekk anki fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar din il-klawsola, l-Ewwel Qorti kienet korretta fejn qalet li din il-klawsola mhijex raġonevoli u ġustifikata. Għaldaqstant tqis li anki dan l-aġġravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**Klawsola 9.5**

26. Permezz ta' din il-klawsola, l-appellat kien ipprojbit milli waqt l-impjieg tiegħu mal-appellant, jew f'kull żmien wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu,

jiżvela informazzjoni u/jew data, kemm jekk kummerċjalment sensittiva jew le tal-appellant, jew milli jagħmel użu minnha għall-vantaġġ tiegħu jew ta' terzi. L-appellant qal li din il-klawsola ddaħħlet fil-kuntratt ta' impjieg tal-appellat sabiex jiġi evitat li dan jagħmel użu minn tekniċi u tagħrif speċjalizzat miksub minnu tul il-kors tal-impjieg tiegħu mal-appellant. Qal li din il-klawsola ma kinitx maħsuba biex tinkludi fiha materji li mhumiex kunfidenzjali jew tagħrif li l-appellat jista' jiftakar jew juża liberament. Qal iżda li huwa ried li l-appellat ma jisfruttax il-metodoloġiji żviluppati mill-appellant a skapitu tiegħu stess.

27. Il-Qorti tirrileva għal darb'oħra li f'dan ir-rigward hemm diskrepanza bejn id-diċitura ta' din il-klawsola, u dak li l-appellant qiegħed isostni fir-rikors tal-appell tiegħu. Huwa evidenti li permezz ta' din il-klawsola, l-appellant ipprova jxekkel lill-appellat milli b'xi mod, f'kull żmien wara li dan jitlaq mill-impjieg mal-appellant, juża dak li kien tgħallem miegħu. Dan għaliex it-test tal-klawsola jkopri mhux biss informazzjoni kummerċjalment sensittiva, iżda prattikament kull informazzjoni, data jew tagħrif ieħor li l-appellat seta' jakkwista mill-impjieg tiegħu mal-appellant, anki dak li mhux jew li ma jistax jitqies li huwa kummerċjalment sensittiv. Meta wieħed iqis il-firxa tal-informazzjoni koperta permezz ta' din il-klawsola, il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti meta kkonkludiet li din il-klawsola għandha titqies bħala klawsola intiża biex tirrestrinġi l-kompetizzjoni bil-firxa wiesgħa ta' informazzjoni li hija maħsuba li tolqot, inkluża informazzjoni li mhijiex kunfidenzjali jew kummerċjalment sensittiva.

28. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li l-penali maħsuba biex isservi ta' deterrent f'dan il-każ hija waħda esaġerata u f'kull każ mhix proporzjonata mad-dħul tal-appellat, li qiegħed jintalab ekwivalenti ta' sena salarju bħala danni.

29. Għar-raġunijiet suesposti, din il-Qorti sejra tikkonferma d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kwantu fejn din sabet li l-klawsoli li abbażi tagħhom l-appellant qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu mhumiex raġonevoli u ġustifikati fiċ-ċirkostanzi u għalhekk mhumiex inforzabbli.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha. Spejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellant, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**